NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

MEJJU – AWWISSU 2017

Nru 191



ritratt: Giuseppe Attard

## "O ĠORĠI, DAR BIK IL-MULEJ, U PERMEZZ TIEGĦEK GĦADU JDUR BINA!"

Dun Joseph Mercieca,
*Omelija nhar il-Festa ta' San Ġorġ,*
16 ta' Lulju 2017

*ritratti tal-Festa ta' San Ġorġ f'paġni 16 u 17*



Nicolaus
Dei et Apostoli
Episcopus
ad perpetuam

, cum sit omnipraesens, nullis finibus circum-
spatiis includi potest, iussit tamen et tabernaculum
mplum sanctissimum postea exaedificari, cujus
ei populo Numen adoraturo pateret; idcirco sol.
habuit Sancta Christi Ecclesia ut non solum
entur in summi Creatoris honorem quam pulcher.
ificentissima, verum etiam ut coetibus virorum
, quorum proprium esset sacrarum caerimoniarum
etate, prece, obsecratione curare.

, iuxta ea quae Sacra Congregatio pro Clericis
, re bene perpensa, votis Cleri Ecclesiae Basilicae
Sancti Georgii Martyris in Civitate Victoria, quod
gii canonicorum in eadem Basilica Sancti Georgii

men hic memorare quibus rebus permoti simus ad
notis accedendum.

Sancto Georgio M. in Civitate Victoria sacrum, anti-
uum, jam saeculo XV titulo paroeciae insigne fuit.
bus, christifidelium increscente numero, templum hoc
et plurimis ornamentis adauctum adeo ut valde
itatis et totius dioecesis Gaudisiensis praeclarum
abeatur. Nec Nos latet populum Gaulitanum

Il-Kolleġġjata... 40 sena wara

p. 6



Mons. Ġwann Mercieca

p. 27

## APPUNTAMENTI GĦAS-SENA PASTORALI L-ĠDIDA...

- **16+:** It-Tlieta, 8.00pm
- **Yrs 9-11:** L-Erbgħa, 7.30pm
- **L-Ewwel Tqarbina:** Il-Ħamis, 5.30pm
- **Il-Griżma tal-Isqof:** Il-Ħamis, 5.30pm
- **Yr 8:** Il-Ġimgħa, 7.00pm
- **Kulħadd:** Il-Ġimgħa, 7.30pm *(kull ħmistax)*
- **Żgħażagħ 18+:** Il-Ġimgħa, 8.30pm
- **Koppji miżżewġin:** Is-Sibt, 7.30pm *(kull tieni tax-xahar)*
- **Laqgħat Koppji Għarajjes:** Il-Ħadd, 9.45am *(kull ħmistax)*
- **Quddiesa tal-Familja u t-Tfal:** Il-Ħadd, 10.00am
- **Quddiesa taż-Żgħażagħ:** Il-Ħadd, 7.00pm
- **Anzjani:** Attivitajiet kull xahar *(skont kif vżat)*

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Rinnovabbli, imma bl-istess prinċipju

Hekk kif permezz tal-Proġett tal-Pannelli Fotovoltajċi, il-Parroċċa tagħna ser tkun qed tinvesti f'enerġija rinnovabbli – inkunu qed niffrankaw spejjeż kbar imma wkoll ngħinu biex ikollna ambjent aktar nadif –, inħarsu ftit aktar madwarna, lejn is-soċjetà fil-qrib u dik iktar fil-bogħod, u naraw x'*enerġija* qed issuqha.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar is-soċjetà tagħna qed tiftaħ l-ixfqa tagħha għal realtajiet ġodda, b'aktar diversità ta' ħsieb u modi ta' għajxien. U allura, minn soċjetà li kellha reliġjon, valuri u twemmin wieħed, illum għandna soċjetà multikulturali. F'dan iż-żmien, allura, fil-ħsieb u fir-raġunar tiegħek trid tkun aktar konxju tar-rispett assolut li jixirqilhom dawn ir-realtajiet.

Il-Knisja trid tagħraf li barra l-komunità Nisranija, hemm komunitajiet oħra li qed jgħixu, jikbru u sa jibqgħu magħna. F'dan is-sens hi trid tibqa' 'rinnovabbli', jiġifieri tagħraf dawn ir-realtajiet u tara li, anki b'modi u lingwaġġi ġodda, tidħol fi djalogu magħhom. Minkejja dan, il-Knisja trid tibqa' żżomm sħiħ fuq is-sisien sodi li tul dawn l-aħħar elfejn sena u aktar żammewha wieqfa. Mill-Kotba Mqaddsa, minn fuq fomm Kristu, u mit-tagħlim tal-Maġisteru tixrob l-ilma tal-ħajja.

Aħna l-Insara naraw fil-Papa dak il-Missier li bit-tagħlim tiegħu, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, jgħinna biex nibnu fuq *blata* soda l-fidi tagħna, fidi li mbagħad tissokta tissaħħaħ b'ħajja mdawla mill-valuri tal-Vanġelu li jagħżluna. B'hekk il-Knisja, filwaqt li tiġġedded billi tkun aktar qrib lejn realtajiet ġodda, fl-istess waqt iżżomm il-prinċipji li sa mill-bidu dejjem mexxewha.

Min-naħa l-oħra, aħna l-parruċċani għandna nħossu l-għatx għal aktar informazzjoni u formazzjoni ħalli niżguraw li l-fidi tagħna tkun mibnija fuq is-sod. Nagħmlu mezz, allura, li f'din is-Sena Pastorali ġdida, nattendu għal-laqgħat imħejjija għalina mill-Parroċċa.

### KRONAKA PARROKKJALI (MEJJU-AWWISSU 2017)

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

07/05/2017 **Ben** bin Jason Bugeja u Elaine Falzon
20/05/2017 **Kayleen** bint Kevin Falzon u Elaine Farrugia
21/05/2017 **Elena** bint Michael Tabone u Josephine Camilleri
28/05/2017 **Harper Anne** bint Bertram Farrugia u Georgine Tabone
18/06/2017 **Savannah** bint Charles Spiteri u Pamela Debono
02/07/2017 **Mattia** bin George Apap u Stephanie Baldacchino
02/07/2017 **Kysen** bin Gabriel Sillato u Alessia Camilleri
14/07/2017 **Jean** bin Christian Agius u Georgiana Xuereb
14/07/2017 **Georgiana** bint Michael Galea u Vincienne Xuereb
19/07/2017 **Catherine** bint David Camilleri u Isabel Zammit
22/07/2017 **Liam** bin George Mercieca u Maria Tabone
23/07/2017 **Carina** bint Michael Cauchi u Maria Chiara Camilleri
23/07/2017 **Finn** bin Sean Gibson u Annabelle Gibson Lagdamen

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

13/05/2017 **Oliver Spiteri** u **Lorrieann Said**
26/05/2017 **Leonard Camilleri** u **Charlene Bugeja**
17/06/2017 **Kevin Mark Buttigieg** u **Charlene Cauchi**
23/06/2017 **John Paul Cassar** u **Jeanette Grech**
24/06/2017 **Joseph William Darmanin Lauri** u **Cynthia Said**
08/07/2017 **Donald Micallef** u **Roseann Vella**
09/07/2017 **Emanuel Farrugia** u **Renata Formosa**
14/07/2017 **Dylan Mercieca** u **Karina Farrugia**
21/07/2017 **Christian Richard Mc Clean** u **Joanne Fenech**
05/08/2017 **Ronald Mintoff** u **Raffaella Bugeja**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

14/05/2017 **George Farrugia**
03/06/2017 **Mons. Giovanni Mercieca**
11/06/2017 **George Bugeja**
11/06/2017 **Aldo Zammit**
21/06/2017 **Georgia Refalo**
25/06/2017 **Maria Spiteri**
18/07/2017 Ġanni Formosa
20/07/2017 **Maria Borg**
17/08/2017 **Carmela Formosa**

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*

archpriestsgeorge@gmail.com



## KAIROS

Fi żmienna saret moda naddottaw kliem minn filosofiji jew spiritwalitajiet oħrajn li forsi narawh jaqbel ma' xi sitwazzjoni ta' ħajja. Ngħidu aħna, illum il-kelmiet *yoga*, *carpe diem* jew inkella *karma* saru parti mill-vokabularju tal-ġenerazzjonijiet żgħar u anki adulti. Fl-istudju tal-Iskrittura hemm il-kelma *kairos* li tajjeb tidħol fil-vokabularju u fil-ħajja tagħna.

**'Kronos' jew 'Kairos'?**

Meta aħna nitkellmu fuq iż-żmien, ħafna drabi naħsbu b'mod kronoloġiku (il-kelma Griega hija *kronos*). Allura aħna naraw li għandna erbgħa u għoxrin siegħa fil-ġurnata. Nippjanaw kemm għandna x'nagħmlu u kemm għandna ħin biex nagħmluh. Tajjeb li nkunu konxji miż-żmien li għandna u li ngħoddu jiem ħajjitna biex nimxu b'mod għaqli, iżda kultant din il-viżjoni tal-ħajja ttellifna milli nagħrfu ż-żmien it-tajjeb, l-opportunitajiet u l-grazzji ta' Alla fil-ħajja tagħna.

Il-*kairos* hi l-viżjoni taż-żmien bħala ż-żmien opportun. Għax għalkemm għandna ħafna ħin u sigħat, hemm ċerti sigħat jew opportunitajiet li huma ta' mument u li jekk nitilfuhom ikunu ntilfu għal dejjem. Għalhekk, għalkemm fil-ħajja kull minuta hi bħall-oħra, hemm mumenti li huma iktar importanti minn oħrajn. Ngħidu aħna, meta t-tfal għadhom żgħar, dak il-ħin hu l-mument li tedukahom u tkun ġenitur; meta sieħbek għaddej minn problema fiż-żwieġ, dak hu l-mument li trid tgħinu u twassallu lil Kristu. Iva, f'dan kollu tara l-arloġġ idur u ż-żmien itir. Imma l-*kairos* hi l-opportunità li tiġi fi żmien partikulari.

**Iż-Żmien it-Tajjeb**

Fil-Parroċċa tagħna għandna diversi opportunitajiet li jistgħu jkunu l-mument li fih Alla jrid jgħaddi minn ħajjitna. Id-diversi gruppi għal kull kategorija li qed jibdew il-mixja tagħhom f'Ottubru huma barka minn Alla li faċli taqbżilna. Dan għaliex il-ħin tagħna hu dejjem mimli u dejjem ġirja warajh. Hekk xħin xi ħadd isemmili xi grupp jew laqgħa għalija jew għat-tfal, l-ewwel reazzjoni tkun: "Mela x'nagħmel, m'għandix ħin!". Għeżież, "araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb, issa hu jum is-salvazzjoni" (2 Kor 6:2).

Ejjew inkomplu nitħeġġu biex f'ħajjitna nagħżlu l-importanti fuq dak li hu urġenti. Ejjew ngħinu lil xulxin billi nħeġġu lil xulxin bi kliem ta' fidi biex nilqgħu s-sejħa tal-Mulej f'dan iż-żmien tajjeb.

Santu Wistin għandu frażi qawwija: "Nibża' minn Alla għaddej", fis-sens li jibża' li jgħaddi minn ħdejh u ma jindunax. Immaġina l-agħma tal-Vanġelu kieku ma ħatafx l-opportunità u ħalla l-folla żżommu milli jiltaqa' ma' Ġesù. Immaġina kieku Żakkew ħalla l-fatt li kien qasir iżommu milli jara lil Kristu għaddej. Immaġina kieku għar-raġel il-mifluġ ma fetħux is-saqaf biex iniżżluh quddiem Ġesù. Immaġina kieku Pietru wara li dineb ma ħarisx f'għajnejn Ġesù. Għalihom u għal kulħadd, il-*kairos* kien mument jew żmien ta' salvazzjoni li ta sens lill-ħin l-ieħor ta' ħajjithom. Il-*kairos* mhix kumbinazzjoni imma opportunità li rrid niddeċiedi li nagħżilha.

Il-Mulej ifittex li jagħtina opportunitajiet biex niltaqgħu miegħu. Se nagħżlu l-ġirja wara l-ħin jew iż-żmien it-tajjeb?

## DONAZZJONIJIET

George Micallef (Ħal Tarxien) – €5 | Mons. Coronoto Grima (Il-Belt Victoria) – €10
Frankie Schembri (l-Awstralja) – €20 | Joe Bonavia (Ħaż-Żabbar) – €20
B'suffraġju ta' Carmelo u Mariġwann Grech (Il-Belt Victoria) – €20

### OFFRI R-RIVISTA B'SUFFRAĠJU GĦALL-GĦEŻIEŻ TIEGĦEK

Mod sabiħ kif tagħmel suffraġju lill-għeżież mejtin tiegħek hu billi tħallas parti mill-ispejjeż ta' din ir-rivista *Il-Belt Victoria*. Mill-ġid li jixtered permezz tagħha jistgħu jgawdu wkoll l-erwieħ tal-Purgatorju.

L-isem tal-għeżież tiegħek flimkien ma' stedina għat-talb b'suffraġju tagħhom jidhru f'waħda mill-paġni tar-rivista.

Kun parti minn dan il-proġett tagħna! Agħti d-donazzjoni tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali.

# Ħarsa lejn xi indikaturi soċjali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fl-aħħar snin

(It-Tieni Parti)

Andrew Formosa

Fl-ewwel parti ta' dan l-istudju, tajna ħarsa lejn xi fatturi demografiċi tal-Parroċċa u l-membri tagħha. Kien għalhekk xieraq li issa nagħtu ħarsa aktar fid-dettall lejn is-saċerdoti ħajjin tal-parroċċa tagħna. Din ir-riċerka tittratta biss is-saċerdoti li għandhom il-Parroċċa ta' San Ġorġ bħala l-parroċċa tal-oriġini, u allura ma tinkludix saċerdoti li qed jaħdmu fil-parroċċa tagħna imma huma minn parroċċi oħra. L-analiżi tkopri sal-31 ta' Awwissu 2017. Il-qassisin tal-parroċċa huma saċerdoti djoċesani, kif ippublikat minn tagħrif miġbur mill-Kurja Veskovili ta' Għawdex.

Sal-aħħar ta' Awwissu 2017, il-Parroċċa ta' San Ġorġ kellha 27 qassis djoċesan, bl-età tagħhom tvarja minn 91 sa 32. Graff 1 turi predominanza kbira tal-faxxa tal-età ta' aktar minn ħamsin sena. Ta' min jinnota li għalkemm qed nirreferu għal 'qassisin tal-parroċċa', dawn mhux neċessarjament kollha qed jagħtu servizz fit-territorju parrokkjali tar-Rabat. Fil-fatt, jekk inħarsu ftit aktar fid-dettall lejn il-lista tal-qassisin, naraw li hemm min hu msiefer, jaqdi fi djoċesijiet oħra, jew inkella assenjat f'xi parroċċa oħra f'Għawdex. Fost l-oħrajn, it-tliet qassisin bl-iżgħar età huma assenjati f'parroċċi oħra fil-Knisja lokali jew inkella msifrin.

Parti oħra tal-analiżi hi l-età tal-qassisin. Meta naqsmuhom fi gruppi wiesgħa ta' età, naraw li 60% tal-




Graff 1: Età tal-qassisin tal-Parroċċa.

* L-ittri fuq in-naħa tax-xellug ta' Graff 1 juru l-inizjali tal-isem u l-kunjom ta' kull qassis tal-parroċċa.




Graff 2: Sena tat-twelid tal-qassisin tal-Parroċċa.




Graff 3: Il-qassisin tal-Parroċċa magħquda fi gruppi ta' età.




Graff 4: Età tal-qassisin tal-Parroċċa fi żmien għaxar snin oħra.

qassisin kollha għandhom 'il fuq minn sittin sena, u li 30% tat-total għandhom aktar minn 75 sena. Huma biss il-11% li għandhom inqas minn 44 sena, bil-bqija għandhom bejn 45 u 59 sena. Hu ċ-ċar li l-età medja tal-qassisin ixxaqleb lejn waħda matura u anzjana, li jirriżulta li hi ta' 65 sena. Din is-sitwazzjoni twassalna biex nikkonkludu li filwaqt li dari fir-rata ta' qassisin ġodda kien hemm aktar kontinwità (id-differenza fl-età bejn il-qassisin kienet waħda minima), aktar ma għadda ż-żmien, id-differenza bejn l-etajiet żdiedet. Jekk nanalizzaw l-età tat-twelid tal-qassisin ħajjin, naraw li nsibu tmien qassisin imwielda bejn is-snin 1926 u 1945, sittax bejn l-1946 u l-1965, u tlieta bejn l-1966 u l-1985. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ma ordna ebda qassis ġdid mill-parroċċa tagħna.

Biex il-Parroċċa ta' San Ġorġ tkun tista' tilqa' għall-isfidi tal-lum, trid tara u tippjana għall-futur. Jekk inħarsu lejn għaxar snin oħra, terz tal-qassisin ser ikollhom aktar minn kemm hi l-*life expectancy*[1], jiġifieri 79.8 sena[2]. Dan il-persentaġġ jista' jitnaqqas biss b'qassisin ġodda li, wara l-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri u l-istudju neċessarju, ikunu jistgħu jaqdu l-uffiċċju saċerdotali tagħhom.

Hu għalhekk fir-responsabbiltà ta' dawk li għandhom f'idejhom il-kura tal-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna li jaħdmu aktar minn qatt qabel biex jinħoloq ambjent san u xieraq fejn jitrawmu vokazzjonijiet ġodda. B'hekk biss li jibqa' jkollna parroċċa ħajja u attiva, lesta biex tilqa' għall-isfidi ġodda.

[1] Il-*life expectancy* mat-twelid: l-għadd ta' snin li min jitwieled hu mistenni jgħix sakemm il-mortalità f'bosta gruppi ta' etajiet differenti tibqa' fl-istess livell tal-perjodu li fih jinħadmu s-snin ta' kemm wieħed mistenni jgħix.

[2] National Statistics Office (Malta), Demographic Review, Malta 2016, f'https://nso.gov.mt/en/publicatons/Publications_by_Unit/Documents/C5_Population%20and%20Migration%20Statistics/Demographic_Review_2014.pdf [aċċessat 08/10/2017]

# San Ġorġ "Kolleġġjata"

## Tifkiriet sbieħ ta' erbgħin sena ilu?

(L-Ewwel Parti)

Francesco Pio Attard

Fi żmien meta qed naraw is-saċerdoti anzjani – u mhux daqshekk anzjani! – tagħna jħalluna wieħed wara l-ieħor, b'ħafna inqas vokazzjonijiet ġodda jimlew is-sedji tagħhom fil-Kor tal-Bażilika, forsi jidher ironiku nitkellmu u niċċelebraw il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, li fis-sentejn li għaddew fakkret erbgħin sena ta' ħajja. Mhuwiex irreali l-biża' ta' ħafna li m'għadx jgħaddu wisq snin oħra u t-termini 'Kolleġġjata', 'Kapitlu' u 'Kanonċi' jibqgħu biss kliem arkajku stampat fuq il-karti tal-imgħoddi!

Naturalment, għal min iħares lejn din ir-realtà bħala xi titlu jew privileġġ għall-parroċċa, fi żminijietna ħa jibqa' deluż waħda u sew. Mhux hekk, imma, għal min jifhem is-sens veru u proprju ta' din ir-realtà liturġika fil-qalba tal-Knisja, li sewwasew għat-tifsira spiritwali għanja tagħha, għad għandna bżonnha llum aktar minn qatt qabel. Niċċelebraw il-Kolleġġjata tagħna jfisser li nitolbu bil-ħrara lil Sid il-Ħsad biex ikompli jibagħtilna saċerdoti qaddisa, li miġbura flimkien fit-talb f'nofs il-poplu ta' Alla, jibqgħu jagħtu n-nifs lill-komunità li temmen.

Il-ħarsa tagħna lura lejn dawn il-ġrajjiet sbieħ li għaddiet minnhom il-Parroċċa tagħna erbgħin sena ilu għandha ssuqna f'ħeġġitna biex nitolbu għal aktar vokazzjonijiet, biex tassew San Ġorġ jibqa' *Kolleġġjata ħajja*, kif kien għal tul kważi nofs seklu, u kif fil-prattika ilu mill-ibgħad żminijiet.

**Jitħabbru l-Paċi u Kolleġġjata ġdida**

Kien fit-13 ta' Awwissu 1975 li tard filgħaxija ġriet bħal leħħa ta' berqa mal-gżira Għawdxija l-aħbar li fil-Belt Victoria ntlaħaq ftehim bejn iż-żewġ komunitajiet parrokkjali u l-Isqof dwar il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kwistjoni li kienet ġabet firda fir-Rabat u tensjoni mal-Awtoritajiet ekkleżjastiċi għal iktar minn tmien snin. L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, li aħna nsejħulu l-Fundatur tal-Kolleġġjata tagħna, b'ħila u mħabba ta' missier kien għaraf iġib il-paċi tant mixtieqa, u dan għamlu, fost l-oħrajn, billi rrikonoxxa l-importanza pastorali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Għalhekk, bħala parti mill-ftehim li, f'laqgħat separati – l-aħħar f'għadd kbir ta' trattattivi mal-Awtoritajiet ekkleżjastiċi u ta' rikonċiljazzjoni fuq medda twila ta' snin – ġie milqugħ b'sodisfazzjon mill-Presbiterju Parrokkjali u l-Kumitat tas-Soċjetà *La Stella*, f'Awwissu 1975 l-Isqof Cauchi stabbilixxa li għandha titwaqqaf Kolleġġjata fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, b'rabtiet speċjali mal-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma. Id-delegazzjoni min-naħa ta' San Ġorġ kienet magħmula minn Mons. Emanuel Mercieca, Mons. Giovanni Frendo, Paul M. Cassar, Joe Cini u Ġużeppi Mercieca.



Il-kwadru fis-saqaf tas-Sagristija tal-Bażilika, xogħol il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fl-2003, li juri lil San Ġorġ iħares lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

F'dik l-istess għaxija tat-13 ta' Awwissu, malli ħarġet l-aħbar, il-poplu nfexx f'festa ta' ferħ, indaqqu l-qniepen, u l-istatwa titulari ta' San Ġorġ dritt inħarġet min-niċċa fil-Bażilika bħala radd il-ħajr lil Alla u lill-Qaddis Protettur ta' beltna. Il-poplu "feraħ, beka u rringrazzja 'l Alla"... fl-aħħar kienu ntemmu tmien snin ibsin ta' tensjoni kbira, li fihom, għalkemm il-ħajja parrokkjali b'xi mod baqgħet għaddejja, imma bi protesta la ġiet iċċelebrata l-Festa Titulari u lanqas ħarġet il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn San Ġorġ.

**Festi kommemorattivi**

Kien imbagħad xahar wara, fit-13 u l-14 ta' Settembru, li saru Festi kommemorattivi lil San Ġorġ biex tiġi ċċelebrata l-paċi parrokkjali tant mixtieqa. Is-Sibt fl-10.00am inħareġ mill-ġdid San Ġorġ min-niċċa, waqt li l-Bażilika ġiet imżejna bhal fil-jiem tal-Festa. Filgħaxija, il-Banda La Stella għamlet marċ mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ, fejn akkumpanjat it-Translazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mikiel Cefai, li wara mexxa wkoll Konċelebrazzjoni Solenni, imxandra fuq il-Cable Radio, li għalqet bil-kant solenni tat-Te Deum. Wara l-funzjoni, il-Banda kompliet b'marċ ieħor mill-Pjazza sal-Każin.

Il-Ħadd 14 ta' Settembru, l-Arċipriet reġa' qaddes solennement fit-8.00am. Bħal f'jum il-Festa, il-Banda *La Stella* u dik tal-*King's Own* tal-Belt Valletta għamlu marċ grandjuż fit-toroq prinċipali tar-Rabat. Imbagħad filgħaxija, wara l-Għasar u r-Repożizzjoni tar-Relikwa, l-Arċipriet mexxa ċ-Ċelebrazzjoni bil-Barka Ewkaristika. Il-funzjonijiet kienu kollha bl-orkestra taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Vella.

Fuq barra saret dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ, fejn il-Banda tagħna żanżnet sett ta' marċi ġodda, u daqqet ukoll il-Banda *Victory* tax-Xagħra. Dan barra li l-Baned *Mnarja* tan-Nadur, *St Joseph* ta' Għajnsielem u *Prekursur* tax-Xewkija daqqew marċi u esegwew programmi. Tista' biss tistħajjel il-ferħ tal-Ġorġjani li wara nuqqas ta' bosta snin, setgħu jsemmgħu mill-ġdid mat-toroq ta' beltna l-għajta ferrieħa ta' "Viva San Ġorġ" u "Ġorġi tagħna, min qatt bħalek!".

Għal din l-okkażjoni unika, twaħħlu mal-faċċata tal-Bażilika Ġorġjana żewġ skrizzjonijiet: "Ifirħu wlied dil-belt u l-Għid ta' San Ġorġ fakkru meta tilmħu dil-Bażilika



Il-folol li mlew Pjazza San Ġorġ għall-festi kommemorattivi ta' Settembru 1975.

Proto-Parrokkjali mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata"; "Il-Knisja Omm u Kap tal-Knejjes l-oħra u tad-dinja Kattolika, l-Arċibażilika tal-Lateran, lil din il-Bażilika tgħaqqad magħha u tagħniha bi privileġġi singulari".

**Id-Digriet**

Id-Digriet *Etsi Deus* (mill-ewwel żewġ kelmiet "Għalkemm Alla") tat-twaqqif tal-Kolleġġjata Ġorġjana, bil-firma ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, iġib id-data tat-8 ta' Diċembru 1975, Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, li, kif nafu, għandha importanza kbira għall-Parroċċa ta' San Ġorġ. Dan ġie mxandar pubblikament fid-29 ta' dak ix-xahar. B'dan id-digriet, il-Parroċċa ta' San Ġorġ, għalkemm il-ħames u l-iżgħar waħda fl-età fuq gżiritna, saret l-ewwel Kolleġġjata mwaqqfa mill-Isqof Djoċesan skont in-normi ġodda ta' wara l-Konċilju Vatikan II.

Billi maż-żmien kien hemm min qajjem dubju dwar il-kompetenza tal-Ordinarju tad-Djoċesi li jwaqqaf Kapitlu Kolleġġjali f'xi waħda mill-knejjes tiegħu – ħaġa li l-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku fl-1983 jirriservaha għas-Sede Appostolika (ara CCL 504) – tajjeb insemmu li f'ittra tal-Kardinal Crescenzio Sepe, Segretarju tal-Kongregazzjoni għall-Kleru, lill-Isqof Cauchi fit-22 ta' Diċembru 1995, kien żgurah li [Cauchi] kien aġixxa b'leġġittimità storika sħiħa meta għoxrin sena qabel, "skont dak li l-Imqaddsa Kongregazzjoni tal-Kleru ordnat", waqqaf il-Kapitlu ta' San Ġorġ. Dan ikkonferma dak li kiteb il-Kardinal Joseph Wright, Prefett tal-Kongregazzjoni, lill-Isqof Cauchi f'ittra tal-4 ta' Ottubru 1974, meta kien qalhielhu ċara u tonda li "t-twaqqif ta' Kapitlu Kolleġġjali issa hu fakultà tal-Isqof" (Prot. No 14727/1).

Wara li jniżżel ir-raġunijiet storiċi u pastorali li jiġġustifikaw it-twaqqif ta' Kolleġġjata fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, l-Isqof f'sentenza waħda imma l-aktar sinifikanti tad-Digriet jgħid x'inhi r-*raison d'être* tagħha: "*biex il-Kult Divin jiġi muri b'mod aktar solenni*". Dan wara li fl-ewwel paragrafu hu kien ġa spjega kif "il-Knisja Mqaddsa ta' Kristu dejjem żammet id-drawwa qaddisa li, mhux biss jinbnew tempji l-aktar sbieħ, iżda wkoll li jiġu mgħammra bi gruppi ta' rġiel li jkollhom id-dmir proprju tagħhom li jieħdu ħsieb is-sbuħija taċ-ċerimonji bil-qdusija, bit-talb u bil-ħeġġa".

Il-preżenza ta' kulleġġ ta' kanonċi f'nofs komunità parrokkjali hu proprju li tiżgura d-dinjità tal-Liturġija Mqaddsa, il-kontinwità tagħha u l-edifikazzjoni tal-fidili, billi jwettaq "ir-rwol li jiċċelebra l-funzjonijiet liturġiċi l-aktar solenni" (CCL 503). Kulleġġ jew kapitlu ta' kanonċi, fi kliem sempliċi, hu grupp ta' saċerdoti li jitolbu f'nofs il-poplu fit-tempju ta' Alla: ġo nofsu u miegħu, jagħtu qima lil Alla billi jiċċelebraw b'mod solenni l-Liturġija tas-Sigħat, li hi t-talba uffiċjali tal-Knisja, u l-Ewkaristija Mqaddsa fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Altru li mhumiex sempliċi dekorazzjoni! Kif kiteb tajjeb l-Isqof Cauchi, "permezz tal-istituzzjoni tal-kolleġġjati..., l-erwieħ għandhom min hu mqabbad apposta biex jitlob għalihom".

It-talb korali prinċipali tal-Kapitlu hu dak li jsir fil-Ħdud u l-Festi Kmandati, fejn jiċċelebra l-Uffiċċju Divin u l-Quddiesa Konventwali, kif ukoll f'funzjonijiet liturġiċi oħra skont kif imniżżel fl-Istatut Kapitulari.




Waħda miż-żewġ skrizzjonijiet mal-faċċata tal-Kolleġġjata l-ġdida.



Il-ħruġ ta' San Ġorġ min-niċċa fit-13 ta' Settembru 1975.

Id-Digriet ikompli jipprovdi li f'dan il-Kulleġġ ta' kanonċi, ħamsa għandhom ikunu dinjitajiet – Dekan, Arċipriet, Teżorier, Kantur u Primiċerju – u tnejn uffiċċjali. B'għaqal kbir, u mingħajr ebda preċedent, fid-dawl tal-fatt li l-Kolleġġjata ġdida kienet Urbana (tal-belt) fejn allura għandu wkoll is-Sede Veskovili u f'linja mal-ħsieb oriġinali ta' tmenin sena qabel li tkun immexxija minn Abbati, l-Isqof Cauchi għażel li jżomm għalih u għas-suċċessuri tiegħu bħala Isqfijiet Djoċesani *pro tempore* l-ewwel dinjità ta' Dekan, imma mingħajr l-obbligu tal-attendenza għas-servizzi korali. Madankollu, fl-istess Digriet insibu msemmija tmien festi fil-kalendarju liturġiku fejn l-Isqof bħal Dekan intrabat li jmexxi Pontifikali fil-Bażilika, ħaġa li tixhed għar-rabta sħiħa sa mill-bidu tagħha ta' din il-Kolleġġjata mal-Isqof.

Hemm ukoll fid-Digriet xi normi oħra dwar l-ilbies korali u l-insinja dekorattiva – is-salib ta' Malta bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel f'ċirku ta' ġon-nofs b'erba' raġġi ħerġin minnu, u mdendel mal-istemma tal-Arċibażilika tal-Lateran li fuq nett tagħha għandha l-istilla –, kif ukoll dwar ir-rabta mal-kalendarju proprju tal-Arċibażilika tal-Lateran, li hu ċċelebrat bl-istess solennità fil-Bażilika ta' San Ġorġ, grazzi għall-aggregazzjoni ta' waħda mal-oħra li bit-twaqqif tal-Kolleġġjata l-ġdida ssoktat tissaħħaħ.

## Jitħabbru l-Kanonċi

Minn xhur qabel beda jiffunzjona l-Kapitlu, twaqqaf Kumitat apposta taħt il-presidenza ta' Mons. Emanuel Mercieca – li eventwalment tħabbar li kellu jkun is-suċċessur ta' Mons. Cefai bħala Arċipriet – b'rappreżentanza tal-Presbiterju Parrokkjali, tal-Kumitat Storiku Kulturali u tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li ħadem ħafna biex isiru festeġġjamenti xierqa.

Fis-26 ta' April 1976, li dik is-sena mħabba l-Ottava tal-Għid ħabtet is-Solennità trasferita ta' San Ġorġ, l-Isqof Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika li fiha ħabbar in-nomini ta' erbatax-il saċerdot tal-parroċċa li flimkien mad-Dekan u l-Arċipriet kellhom jiffurmaw il-Kulleġġ ġdid tal-Kanonċi ddegretat fil-25 ta' Jannar 1976. Wara l-Isqof u l-Arċipriet, li jokkupaw l-ewwel u t-tieni dinjità tal-Kapitlu rispettivament, ġew magħżula Mons. Anton Grech Vella bħala Teżorier, Mons. Carmelo Sacco bħala Kantur, u Mons. Carmelo Scicluna bħala Primiċerju. Iż-żewġ uffiċċji ta' Teologu u Penitenzier – li n-nomini tagħhom ħarġu fis-7 ta' Lulju – imtlew mill-Kan. Ġużeppi Gauci u l-Kan. Saver Calleja rispettivament. Kif stipulat fl-istess Digriet tal-Kolleġġjata, Mons. Sacco u Mons. Scicluna fil-25 ta' Frar 1976 kienu ġew maħtura wkoll Kappillani tal-Papa.

## Arċipriet ġdid

Wara li fit-8 ta' Marzu ta' dik is-sena, wara tnejn u tletin sena fit-tmun tal-parroċċi tar-Rabat, Mons. Mikiel Cefai ġie magħżul mill-Isqof bħala Vigarju Ġenerali tiegħu, l-għażla ta' Arċipriet ġdid għall-Parroċċa u l-Kolleġġjata ġdida Ġorġjana waqgħet fuq Mons. Emanuel Mercieca. Irid jingħad li din kienet ħatra sinifikattiva għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, il-Parroċċa ta' San Ġorġ kien ilha mill-1688 – jiġifieri għal kważi tliet sekli sħaħ – ma jkollha



Il-folol li mlew Pjazza San Ġorġ għall-festi kommemorattivi ta' Settembru 1975.


Nicolaus Joseph Cauchi
Dei et Apostolicae Sedis gratia
Episcopus Gaudisiensis
ad perpetuam rei memoriam

Ubi Deus, cum sit omnipraesens, nullis finibus circumscribi, nullis spatiis includi potest, voluit tamen et tabernaculum primum et templum sanctissimum postea exaedificari, cujus limen cuncto Dei populo Numen adoraturo pateret; ideirco sollemne semper habuit Sancta Christi Ecclesia ut non solum templa exciterentur in summi Creatoris honorem quam pulcherrima et magnificentissima, verum etiam ut coetibus virorum instruerentur, quorum proprium esset sacrorum caerimoniarum splendorem pietate, prece, obsecratione curare.

Quapropter, juxta ea quae Sacra Congregatio pro Clericis statuerit, Nos, re bene perpensa, votis Cleri Ecclesiae Basilicae Paroecialis Sancti Georgii Martyris in Civitate Victoria, quoad erectionem collegii canonicorum in eadem Basilica Sancti Georgii accedimus.

Juvat tamen hic memorare quibus rebus permoti simus ad talibus votis accedendum.

Templum Sancto Georgio M. in Civitate Victoria sacrum, antiquitate conspicuum, jam saeculo XV titulo paroeciae insigne fuit. Annis volventibus, christifidelium increscente numero, templum hoc ampliatum est et plurimis ornamentis adauctum adeo ut valde exquisitum civitatis et totius dioecesis Gaudisiensis praeclarum ornamentum habeatur. Nec Nos latet populum Gaulitanum praecipuo studio Sanctum Georgium prosequentem, tempore [illegible]

Id-Digriet *Etsi Deus* miżmum fl-Awla Kapitulari.

Kappillan tagħha waħidha, u għalkemm is-Separazzjoni bejn il-Katidral u San Ġorġ reġgħet fis-seħħ fl-1955, iż-żewġ parroċċi tar-Rabat kienu baqgħu jitmexxew minn Ragħaj spiritwali wieħed fil-persuna ta' Mons. Mikiel Cefai. It-tieni, Mons. Mercieca kien wieħed minn ta' quddiem nett li ħabrek kemm felaħ għall-ġid pastorali ta' San Ġorġ, u biex jinstab kompromess ġust għall-paċi parrokkjali fir-Rabat. Fi kliemu stess, "ftit ħafna huma dawk li daqsi jafu xi tfisser ġrajja bħal din għall-Parroċċa ta' San Ġorġ. Għal dan il-għan ħdimt ħajti kollha bl-ikbar entużjażmu, dejjem mimli b'tamiet kbar. U qatt ma qtajt qalbi. Qatt ma bżajt u dejjem saqqaft wiċċi. Illum, għalkemm imtaqqal ftit bis-snin, inħossni mimli bl-istess entużjażmu tal-isbaħ snin ta' żgħożiti: ferrieħi dejjem, kultant ħosbien, naħdem bla mistrieħ biex naqdi u nħenni l-parruċċani tiegħi". Tant hu minnu dan li, fi ftit xhur minn wara li laħaq Arċipriet, nieda l-proġett siewi ta' Ċentru Parrokkjali ġdid li seħħlu jtemm fi żmien sentejn.


L-ewwel salib dekorattiv tal-Kapitlu ta' San Ġorġ.

Kien is-Sibt 26 ta' Ġunju li Mons. Mercieca ngħata l-Pussess bħala l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Il-festi bdew minn ġimgħa qabel b'Konċelebrazzjonijiet għal diversi kategoriji tal-komunità parrokkjali, li għalqu b'oħra mmexxija mill-Arċipriet il-ġdid lejlet il-Pussess, fejn il-Banda *La Stella* daqqet l-innijiet tal-quddiesa. Nhar il-Pussess, l-Arċipriet il-ġdid ġie mwassal b'*carcade* sa Triq ir-Repubblika, fejn il-Banda akkumpanjatu sa Pjazza San Ġorġ; hawn sar diskors ta' merħba mis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali u Teżorier tas-Soċjetà *La Stella*. L-Isqof Cauchi mexxa r-Rit tal-Pussess, waqt li l-omelija saret mill-Arċipriet il-ġdid. Fi tmiem il-quddiesa, dan ingħata rigali mill-Presbiterju u mill-*Chorus Urbanus*, li f'dawn il-jiem ta' festa reġa' ngħata l-ħajja. Kif jingħad fid-Digriet tal-Kolleġġjata, l-Arċipriet il-ġdid ġie mżejjen ukoll bit-titlu ta' Prelat tal-Unur tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*



Fil-Festi tal-Pussess tal-Arċipriet il-ġdid.

# Il-Proġett tal-Pannelli Fotovoltajċi dalwaqt magħluq!

Il-ħidma biex jitwaħħlu l-pannelli fotovoltajċi tkompliet f'dan l-aħħar żmien. Bħala parti mill-infurzar tal-istruttura tal-bini, fil-bidu tas-sajf ingħata l-kontrabejt fuq is-Sala Parrokkjali b'*insulation* u *membrane* apposta. Dan ix-xogħol kien meħtieġ li jsir qabel jibdew jitwaħħlu l-pannelli, ħalli l-bjut ikunu jifilħu għall-piż kif ukoll għall-elementi tan-natura.





Hekk kif kien intemm il-proċess ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar (li ħa numru ta' xhur biex tlesta), beda x-xogħol biex titħejja s-sejħa għall-kwotazzjoni tal-istallazzjoni tal-pannelli. Dan il-proċess kien jinkludi, fost l-oħrajn, laqgħat mal-inġinier u *site visits* ħalli jkun jista' jiġi ppreparat id-dokument finali.

Minbarra l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, kellhom isiru l-applikazzjoni mar-*Regulator for Energy and Water Services* (REWS) u anki ninfurmaw lill-Enemalta biex inkunu nistgħu nieħdu n-*'no objection'* ħalli nkunu nistgħu ningħaqdu mal-*grid* tad-distribuzzjoni tad-dawl. Bħala parti mill-proċess tal-għażla biex jiġu stallati l-pannelli, inħatar ukoll Bord tal-Għażla tal-aħjar kumpanija.

Kif ġie mħabbar ukoll fl-aħħar edizzjoni ta' din ir-rivista, il-Parroċċa ħabbret skema ta' għajnuna biex jiġi ffinanzjat dan il-proġett mill-fondi ta' tant parruċċani ġenerużi. Nixtiequ nħabbru li sa xhin kienet qed tiġi mħejjija din ir-rivista għall-istampa, is-somma ta' €65,000 intlaħqet, anzi fil-fatt kważi laħqet is-sebgħin elf ewro. Minn hawnhekk irid isir ir-ringrazzjament dovut lil dawk kollha li offrew il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom biex fi żmien relattivament qasir tinġabar is-somma kollha meħtieġa biex jinxtraw u jitwaħħlu l-pannelli, imma wkoll li tkopri x-xogħlijiet u s-servizzi kollha relatati ma' dan il-proġett.

Allura, hekk kif dawn il-proċessi burokratiċi – li forsi ma tantx jidhru – waslu biex jintemmu, u s-somma finali ntlaħqet, issa jmiss li fi ftit żmien ieħor naraw il-ħamsa u sittin pannella jitwaħħlu minnufih ħalli l-Bażilika tibda tgawdi bis-sħiħ minn dan il-proġett siewi.





# Il-Prietki tal-Kardinal Eudes de Chateauroux dwar San Ġorġ Martri

Mons. Ġużeppi Gauci



Eudes (Odo) ta' Chateauroux twieled, x'aktarx fl-1190, f'Chateauroux, Franza u miet fis-26 ta' Jannar 1273 f'Orvieto, l-Italja. Hu kien teologu u filosfu Skolastiku Franċiż, Legat tal-Papa u Kardinal. Kien predikatur magħruf u ħadem ħafna b'risq il-Kruċjati. Għad baqa' aktar minn elf prietka tiegħu, fosthom tlieta *"de Sancto Georgio"* li dwarhom se nikkummenta f'din il-kitba tiegħi. It-tagħrif li se nagħti hu meħud mit-traduzzjoni Latina ta' dawn il-prietki, li fihom ħafna riferenzi għall-Iskrittura Mqaddsa.

Kien Kanċillier tal-Università ta' Pariġi fl-1238-1244 u x'aktarx Abbati taċ-Ċisterċensi ta' Ourscamp, u Abbati ta' Grandselve. Ġie nominat Kardinal-Isqof ta' Frascati fl-1244 u ntbagħat bħala Legat tal-Papa biex jipprietka l-Kruċjata fi Franza minn Innoċenz IV. Sieħeb lil Lwiġi IX ta' Franza fis-Seba' Kruċjata u Joinville isemmi li reġa' lura fl-1254 u għadda minn Ċipru. Fl-1270, mal-mewt ta' Lwiġi XI ta' Franza, ordna luttu uffiċjali fost l-Insara tad-dinja kollha.

F'din il-kitba tiegħi se nittratta tliet prietki tal-Kardinal de Chateauroux dwar San Ġorġ li huma f'rabta mal-Kruċjati. L-ewwel waħda, li ġġib in-Numru 3 fost il-prietki tiegħu, saret fit-23 ta' April 1246 fi Franza; it-tieni, li ġġib in-Numru 11, saret fit-23 ta' April 1249 fi knisja ddedikata lil San Ġorġ f'Ċipru; u t-tielet waħda, li ġġib in-Numru 13, saret fit-23 ta' April 1250, lill-Insara ta' Damietta (l-Eġittu), huma u jiċċelebraw il-festa tal-Qaddis Martri.

**L-Ewwel Prietka (Nru 3): 23/04/1246, Franza**

Din l-ewwel prietka dwar San Ġorġ saret speċifikament biex jintgħamel kuraġġ lill-Kruċjati bl-eżempju tal-Qaddis Suldat u Martri, u hi msawra fuq silta mit-Tieni Ktieb tal-Makkabin: "Kif kienu għadhom ħdejn Ġerusalemm, dehrilhom kavallier liebes l-abjad, miexi u jvenven l-armi tad-deheb quddiemhom: ilkoll flimkien bdew ifaħħru lil Alla l-ħanin" (11:8). Imbagħad il-predikatur ifisser li hekk kif Lisja kien qed iħejji biex jattakka u jirbaħ lil Ġerusalemm, il-Makkabi bid-dmugħ f'għajnejh talab l-għajnuna tal-Mulej biex jibgħat l-anġlu tiegħu ħalli jsalva lil Iżrael. U filwaqt li hu stess qabad l-armi u saħħaħ qalb niesu, ġara dak li hemm fis-silta tal-bidu.

U billi f'ħafna ġrajjiet bħal dawn insibu li San Ġorġ deher jagħti sehmu fir-rebħ tal-eżerċti Nsara, allura nistgħu nifhmu kif il-Qaddis jiddefendi lill-popli tiegħu bl-interċessjoni setgħana tiegħu. Il-predikatur, imbagħad, jgħaddi biex joffri tliet punti mnebbħin mis-silta tal-Makkabin.

1. Il-*kavallier* hu San Ġorġ li jqiegħed lilu nnifsu bħala eżempju għal dawk li mexjin lejn Ġerusalemm. Ġerusalemm hi l-ħajja dejjiema li lejha aħna lkoll mexjin. Għaliha għandna niġġieldu, għaliha għandna nixxenqu bla waqfien. Dawk li bil-ħeġġa jimxu lejn Ġerusalemm tas-Sema jsibu l-għajnuna ta' San Ġorġ u ta' qaddisin oħra li jagħtuhom l-eżempju, li jfarrġuhom, tant li kif għamlu l-Makkabin, "qawwew qalbhom u ħejjew ruħhom biex jaħbtu, mhux biss għan-nies, iżda wkoll għall-bhejjem feroċi u s-swar tal-ħadid" (2 Mak 11:9). Ħafna jkollhom ibatu, iżda "ma kellux il-Messija jbati dan kollu?" (Lq 24:26). U jekk il-werriet għadda minn din it-tbatija, il-qaddej m'għandux ikun jixbhu? Hekk jidher quddiemna San Ġorġ, bħalma ra Ġożwè "raġel quddiemu wieqaf bix-xabla misluta" (Ġoż 6:13), jew kif ra Ġużeppi "hu u jiġġerra fir-raba', iltaqa' miegħu raġel li staqsieh: 'X'inti tfittex?'" (Ġen 37:15), u qallu fejn marru ħutu. San Ġorġ dejjem jidher fil-pront, lest biex jgħinna.

2. Dan il-kavallier, li hu San Ġorġ, iwassal l-imħabba lill-bnedmin, għalhekk hu qawwi, għax "bħall-mewt qawwija l-imħabba... ilmijiet kbar mhuma sa jaslu qatt biex jitfu l-imħabba" (Għan 8:6-7). Dan il-kavallier f'Nikomedija mar għal dejjem mas-Sultan tas-slaten. B'hekk l-imħabba qerdet l-għedewwa tiegħu u qatt ma ħallietu nieqes minn xejn. Min għandu lil dan il-kavallier, għandu kavallier veru. Kien Alla li tana kavallier bħal dan. F'komunitajiet reliġjużi għandu jkun hemm kavallieri bħal dan, u fejn m'hemmx, ta' min jara x'jagħmel biex jikseb wieħed bħalu. Imma hemm ukoll kavallieri tal-ħażen li bihom jinqeda x-xitan. Dawn huma dawk li jħobbu biss lil min iħobbhom (ara Mt 5:46). Oħrajn m'għandhomx l-imħabba li tistabar, filwaqt li hemm dawk li jħobbu għall-pjaċiri egoistiċi u personali. Fejn hemm kavallieri tal-ħażen, jeħtieġ neħduhom lil San Ġorġ biex jikseb għalihom il-fejqan bil-kura ta' mħabba vera. Kavallieri veri ssibhom fuq żiemel bl-erba' saqajn tal-għoġba għall-imħabba tal-Maħbub, tal-biża' għall-ġudizzji ta' Alla, tal-ħeġġa u tal-perseveranza.

3. Dan il-kavallier, San Ġorġ, hu *liebes l-abjad* tal-għemejjel qaddisa tiegħu, tal-ħasil li rċieva fil-magħmudija. Hu *jvenven l-armi tad-deheb*, fosthom is-sabar li wera waqt il-martirji li għadda minnhom. Fost l-armi hemm tvenven il-lanza tat-talb li biha jħares lilna u jeqred l-għedewwa tagħna.

Nitolbu, mela, lill-Mulej, biex bl-interċessjoni ta' San Ġorġ jiddefendina mill-għedewwa spiritwali u temporali, bi Kristu Sidna li jgħix għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**It-Tieni Prietka (Nru 11): 23/04/1249, Ċipru**

1. Il-Kardinal Chateauroux jibda l-ħsibijiet tiegħu f'din il-prietka bil-kliem ta' Ġob: "Min jista' jgħoddhom l-eżerċti

tiegħu?" (25:3). U jkompli jfisser li Alla biss jaf kemm huma l-eżerċti tiegħu, kif hu biss jaf in-numru tal-kwiekeb u tar-ramel f'xatt il-baħar, għax "l-għerf kollu ġej mill-Mulej u qiegħed miegħu għal dejjem" (Sir 1:1). Hekk kif fl-imgħoddi s-Senat Ruman kellu l-eżerċtu li kien jibgħat f'diversi nħawi u bih kien jaħkem fuq saltniet, hekk il-Mulej għandu s-suldati tiegħu li bihom imexxi s-saltna tiegħu. Bħala kaptani tal-eżerċtu tiegħu kellu l-Appostli; il-martri kienu s-suldati Nsara li "bil-qawwa tal-fidi rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet" (Lhud 11:33). U minħabba f'hekk kien jixirqilhom ħlas u ġieħ tal-għaġeb.

2. Ikompli t-tieni punt billi jsemmi li l-ewwel fost dawn is-suldati kien San Stiefnu, u mbagħad San Ġorġ li tiegħu llum (23/04/1249) qed niċċelebraw din is-Solennità u li f'ġieħu hi mibnija din il-knisja (f'Ċipru). San Ġorġ kien suldat u nobbli. Iżda telaq kollox u għadd ruħu fl-eżerċtu Nisrani u għamel dak li Pawlu qal lil Timotju: "Bati int ukoll bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù" (2 Tim 2:3). Hu bata sal-mewt bħala suldat tajjeb ta' Kristu, billi tqabad mal-għedewwa tiegħu u għadu sal-lum jitqabad kontrihom. Għalhekk f'San Ġorġ irdoppja l-ispirtu tal-martri, għax f'ħajtu tqabad kontra l-għedewwa tal-fidi Nisranija u għadu sejjer jitqabad kontrihom minħabba fina. Kemm-il darba San Ġorġ deher fost l-eżerċti Nsara jgħinhom fit-taqbida.

3. Fit-tielet punt ifisser li isem San Ġorġ hu tal-biża' għas-Saraċini, kif stqarr Ġob: "Tagħti int liż-żiemel is-saħħa... hu li jbeżżgħek xhin jiżher u jonfor" (39:19-20). Minħabba dan, isem San Ġorġ ikexkex lis-Saraċini, għax hu jieħu ħsieb lill-kavallieri u liż-żwiemel tagħhom. Dan kollu għax San Ġorġ tqabad it-taqbida t-tajba, temm il-ġirja u rebaħ il-kuruna tal-glorja. U kull min hu msejjaħ biex ikun suldat ta' Kristu għandu jistinka biex jitqabad kontra s-saltna tiegħu nnifsu, għax "min għandu s-sabar aħjar mill-qalbieni, min jitrażżan aħjar mir-rebbieħ ta' belt" (Prov 16:32). Hawnhekk, il-predikatur isemmi l-eżempju tal-filosfu li kien ukoll sultan, li stqarr: "Hemm rebħa waħda li tferraħni, dik fuqi nnifsi".

4. Fir-raba' punt, il-Kardinal ikompli dwar din it-taqbida mal-'jien' tagħna, għax "fuq kollox qalb il-bniedem... min jifhimha?" (Ġer 17:9). Alla biss jista', u kif qal permezz ta' Sofonija, "nagħmel tfittxija kif imiss bid-dawl" (1:12). L-aqwa dawl jinsab fil-"kelma tiegħek, dawl fil-mogħdija tiegħi" (Salm 119:105). U billi huma ħafna dawk li jgħammru f'qalb il-bniedem, niltaqgħu wkoll ma' xewqat ħżiena, ħsibijiet mgħawġa, kliem mhux xieraq, għemejjel mgħawġa. Dawn jeħduha kontrina. Imma hemm ukoll it-tajjeb li dwaru s-Salmista stqarr: "Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej, kulma hu ġo fija jbierek l-isem qaddis tiegħu" (103:1). It-tajjeb jeħtieġ jissaħħaħ biex jiflaħ għall-ħażin.

5. Fil-ħames punt ikompli jfisser kif din is-saltna ġewwinija hi mdawra minn ilma fond ħafna ta' Scilla u Caripdi, jiġifieri ta' ħafna pjaċiri żienja li, kif ħabbar Ġakobb lil ibnu Ruben: "Int imbaqbaq bħall-ilma, ma togħliex fil-ġieħ" (Ġen 49:4). Ma jistax jingħata parir ieħor dwar dan, ħlief li taħrab il-periklu biex ma tegħreqx. Jagħmel sewwa jekk jisma' minn kliem dawk li jwasslulu l-kelma, biex minflok ma jiskuża dnubietu, jakkuża ruħu minnhom u jkompli jinbena fil-qawwa tar-ruħ.

Naħdmu, mela, bħala suldati Kristjani tajba, biex fuq l-eżempju ta' San Ġorg noqogħdu għal Kristu, ħalli fl-aħħar nimmeritaw ir-rebħa tas-saltna smewwija, bi Kristu Ġesù Sidna li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**It-Tielet Prietka (Nru 13): 23/04/1250, Damietta (l-Eġittu)**

F'din il-prietka lill-Insara ta' Damietta, il-Kardinal Eudes jippreżenta lil San Ġorġ bl-ewwel vers tal-Ktieb tal-Imħallfin fejn ulied Iżrael, wara l-mewt ta' Ġożwè, ikkonsultaw ruħhom mal-Mulej: "Min minna se jitla' l-ewwel biex jitqabad mal-Kangħanin?'. U l-Mulej wieġeb: 'Ħa jitla' Ġuda. Araw, jiena rħejt l-art f'idejh'" (Mħ 1:1-2). U jkompli li hekk il-Mulej iwieġeb lill-Insara meta jistaqsuh: "Min se jitla' quddiemna kontra s-Saraċini?". U l-Mulej iwieġeb: "San Ġorġ!".

1. Eżerċtu bla mexxej isib ruħu f'taħwid kbir. Għalhekk il-profeta Mikea qal lis-Sultan ta' Iżrael: "Rajt lil Iżrael kollu mxerred fuq il-muntanja bħan-nagħaġ bla ragħaj" (1 Slat 22:17). U minħabba dan, ftit wara naqraw li Iżrael ġie mirbuħ. Dan ukoll fehem Mosè meta qal lill-Mulej: "Jekk il-preżenza tiegħek ma tiġix magħna, ittellagħniex minn hawn" (Eż 33:15), u l-Mulej dejjem kien iwiegħu: "Arani se nibgħat anġlu quddiemek biex iħarsek fit-triq u jwasslek fil-post li jien ħejjejtlek" (Eż 23:20). Hekk ukoll hu meħtieġ li l-poplu Nisrani jkollu dejjem kaptani tajba l-aktar fit-taqbida. U l-Mulej tah lil San Ġorġ fit-taqbida kontra l-Kangħanew.

2. Hawnhekk il-predikatur ifisser l-isem "Kangħanew" bħala bniedem baxx u vili. U jgħid li dwarhom jista' jingħad kliem Ġeremija "Ftakar, Mulej, xi ġralna! Ħares u ara l-għajb tagħna! Wirtna għadda għand l-istranġieri, djarna għand il-barranin" (Lam 5:1-2). B'hekk seħħ dak li ħabbar Ġeremija stess: "Arawni, se nġib fuqkom ġens mill-bogħod, ġens li jibqa', ġens li ilu, ġens li int ma tafx ilsienu, u ma tifhimx li jgħid. Jikollok il-ħsad u l-ħobż, jikollok is-subien u l-bniet, jikollok l-imrieħel u l-baqar, jikollok id-dwieli u t-tin. Jeqirdulek bix-xabla l-ibliet imdawra li fihom int qegħedt tamietek" (5:15-17).

3. Biex jeħodha kontra dan il-"Kangħanew", il-Mulej tana bħala mexxej lil "Ġuda", li jfisser wieħed li jfaħħar u jsebbaħ. Dan hu San Ġorg li ġie magħżul biex bil-martirju jkun ta' tifħir għall-isem ta' Ġesù Kristu u biex fih jissebbħu l-Insara kollha. Hu stqarr il-fidi t-tajba u dwaru jista' jingħad: "Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu s-salvazzjoni" (Rum 10:10). Għalhekk, jekk irridu naslu għar-rebħa fuq l-għedewwa tagħna, magħna għandna lil Ġuda l-Makkabew, lil Ġorġi.

Nitqabdu, mela, bl-għajnuna ta' dan Ġuda, ta' San Ġorġ, biex wara r-rebħa nimmeritaw il-kuruna dejjiema bi Kristu Sidna li jgħix għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Nota tal-aħħar**

Ngħid għalija, nieħu gost naqra l-prietki dwar San Ġorġ Martri li ntisġu minn persuni ta' ċerta importanza bħalma hu dan il-Kardinal Eudes de Chateauroux. Il-ħsibijiet oriġinali tagħhom dwar il-Qaddis Patrun tagħna għandhom jgħinuna biex nikbru fil-qima *"fl-ispirtu u l-verità"* lejn dak li ġie mogħti lilna mill-Providenza biex ikun il-Patrun u l-Protettur tagħna. Għax ikun tassew hekk mhux biss billi jħarisna bl-interċessjoni qawwija tiegħu, iżda wkoll, u fuq kollox, billi jkun għalina ideal ta' ħajja Nisranija ġenwina u ta' xhieda ċara dwar dak li nemmnu u ngħixu. Nittama li din il-kontribuzzjoni tiegħi lil kull min jaqra din il-kitba tgħin biex dejjem nikbru f'devozzjoni vera u sinċiera lejn il-Qaddis Patrun tagħna, San Ġorġ Martri.

# Ħallini, Ġorġi, inbill il-pinna tiegħi f'qalbi...

Fra Ġorġ Grech ocso



Ġorġi, ser nerġa' lura fil-bejta tiegħi f'Ruma u, bħal kull sena, ma nistax nitlaq qabel niġi ftit quddiem in-niċċa tiegħek, biex insellimlek, biex nirringrazzjak u biex nurik l-imħabba kbira tiegħi lejk. Min jista' jesprimi bil-kliem l-emozzjoni li jiena ngħix xħin inkun qribek, meta fi qdusitek insib l-għożża u l-benna għal ruħi, bi sbuħitek li tħallini bla nifs, bil-ħarsa tiegħek li tfieri u li tgħattini bħal mantell, b'dik l-eternità li jien nikkontempla f'għajnejk leqqiena? Nixtieq ngħannilek dak li nħoss għalik, id-daqq tal-kordi ta' ruħi, in-nar li nħoss jiġri fil-vini tiegħi, kull darba li nisma' u ntenni ismek, li bħal balzmu u żegħila smewwija jfejqu u jserrħu lil qalbi għatxana għalik.

Imma Ġorġi, inti dan tafu. U kif jista' jkun mod ieħor? Tiftakar l-esperjenza li għexna flimkien meta, bħala tfajjel ma' missieri, kont nibqa' mgħaġġeb, inħares lejk għaddej quddiem id-dar tiegħi, u ħarsietna tbewsu darba għal dejjem? Minn dakinhar, Ġorġi, ħajti kienet iktar tiegħek milli tiegħi, bħallikieku aħna partatna qlubna. Għal mument ħassejtni misruq minnek, ħassejt li kienet nibtet l-ewwel namra u dan in-namur issa laħaq qċaċet li qabel ma kinux milħuqa. Dan in-namur iġib l-isem ta' Ġorġi.

Illum iktar minn qatt qabel it-tmellisa tiegħek tiġbidni lejk bħalma l-fwieħa tal-warda tiġbed lin-naħal. Imma Ġorġi, ftit sigħat qabel nitlaq, kemm nixtieq nibqa' f'ħoġrok, fis-skiet qaddis tan-niċċa tiegħek tal-mużajk dehbieni, biex niggustak, nifraħ bik u nsir nafek aħjar! Elf mistoqsija jiġu f'moħħi, o Ġorġi tiegħi, u nixtieq insir nafek iktar biex hekk inkun nista' nħobbok dejjem iktar.

Ħallini nieħu sehem, o Ġorġi, f'dak li inti għext fi tfulitek u f'żgħożitek, fid-djalogi mal-ġenituri tiegħek, Polikronja u Ġeronzju, fil-mumenti intimi ta' talb lejn is-Sema, fil-ħajja interjuri tiegħek. Agħnini bis-sentimenti nobbli tiegħek, bis-safa tiegħek, bit-tjieba tiegħek. Irrakkuntali x'kienet tfisser għalik li tgħix ta' tribun fil-persekuzzjoni, b'qalbek imċarrta bejn il-fedeltà lejn dmirijietek ta' suldat u l-imħabba bla qies u tħeġġeġ għal Ġesù tiegħek, int u taraħ mibdul ma' tant allat battala. Aqsam miegħi dak li ħassejt meta l-Imperatur Djoklezjanu ħareġ l-editt li qasamlek qalbek bid-dulur u, minkejja dan kollu, sibt fik qawwa kbira li mbuttatek biex tqattgħu minnufih, minkejja li kont taf il-prezz għal att daqshekk qalbieni. Imma minn fejn jiġu l-qlubija tiegħek li m'għandhiex paragun u l-fidi tiegħek li sejħitlek biex titqabad sal-aħħar?

Minħabba l-esperjenza li għandi tiegħek u minħabba dak li qalbi, li tħobbok bi mħabba tal-ġenn, tgħidli, inħoss li inti bħal tweġibni:

*Għannaq int ukoll, b'qalbek kollha, lil Ġesù Kristu. Agħżlu bħali biex ikunlek it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja. Ħalli lilek innifsek tinqabad minn dak li ħalqek, li ħabbek, li għażlek għalih. Ixxennaq għalih bħal ċerv bil-għatx, ħalli l-fjammi tan-nar kollha ta' mħabbtu marsusin ġo Qalbu ma jsibu ebda ostaklu fik. Intrabat miegħu b'rabta dejjem aktar sħiħa, dejjem aktar qawwija. Iftaħlu beraħ it-teżor ta' qalbek ħalli jlibbsek bil-qdusija tiegħu. Intebaħ li għal Ġesù inti speċjali u uniku, għax jixtieq jagħmel minnek kapolavur tal-Grazzja tiegħu bħalma għamel fija u bija!*

*Ħajti kienet tgħix fih u għalih, għaliex sa mit-tfulija tiegħi, grazzi għall-ikel spiritwali li tawni l-ġenituri tiegħi, fhimt li min isib lil Kristu jsib l-abbundanza tal-ħajja, għaliex hu l-Għajn tal-hena. Itfa' l-ankri tiegħek fih u imxi fuq il-passi mdawla tiegħu, passi ta' ħelsien u ta' sliem, għaliex hekk biss tista' tħossok milqugħ b'mod sħiħ fil-ġuf ta' Alla, imfawwar u msebbaħ bl-imħabba infinita tiegħu.*

*Bħala suldat Ruman ma ħallejt qatt li l-karriera militari tfixkel il-mixja spiritwali tiegħi. Kull azzjoni, kull taħbita ta' qalbi, kull nifs, kienu mnebbħa mill-kelma ta' Dak li għall-preżenza u għall-ħarsa tiegħu kont ngħix. B'dan il-mod, jien kont ġa nħossni msejjaħ u lest biex naffronta kull prova, akkost li nibqa' magħqud miegħu.*

Issa verament wasal il-mument li nitlaq lejn Ruma, o maħbub Ġorġi, u, emozzjonat kif jien, ma nixtieqx nitlaq qabel att ieħor ta' gratitudni lejk: dak meta kont marid serjament u inti bqajt ħdejja bħalma missier ikun qrib ibnu li tant iħobb. Għadni nħoss it-tgħanniqa kollha mħabba tiegħek u dak leħnek li, f'wieħed mill-Ħamisijiet li jwasslu għall-Festa tiegħek, lissinli bil-ħlewwa: "Ser tfiq, Ġorġ, għax se nkun jien li nfejqek". U minn dak il-ħin id-deni li tawwal għal xhur sħaħ, telaqni għalkollox.

Anki din is-sena nġedded dak ir-ringrazzjament sinċier għall-fejqan tiegħi li, illum bħal dakinhar, joħroġ igelgel mill-fond ta' qalbi. Dakinhar kien ifisser l-ewwel ħarġa tiegħi mill-monasteru wara kważi għoxrin sena. Issa jfisser il-qawwa u t-tisħiħ tal-impenn personali tiegħi biex int issir iktar magħruf, tiġi iktar imitat u tiġi iktar maħbub permezz tal-kitbiet tiegħi, biex hekk niċċelebrak bħala l-mudell u l-eżempju mill-iktar għoli ta' virtujiet Insara.

O Stilla rżina li tgħaddi lil kull kewkba oħra bil-ġmiel u l-intensità ta' dawlek! O Gwerrier nobbli, illustri u qatt mirbuħ, wennisna bl-interċessjoni tiegħek biex hekk aħna lkoll, uliedek maħbuba, xi darba nistgħu niġu ngħannquk fl-eternità.

IL-BELT VICTORIA

# San Ġorġ u d-Dumnikani fl-Albanija

Patri Geoffrey Bugeja OP, Rettur tal-Knisja ta' San Ġorġ f'Lagjja Mirdita, l-Albanija



San Ġorġ hu wieħed mill-qaddisin Insara l-aktar meqjuma fid-dinja kollha. Ma setax jonqos li jkun popolari wkoll fl-Albanija fost il-Kattoliċi, fost l-Ortodossi u wkoll fost il-Musulmani.

Fost il-mitejn u ħamsa u sebgħin knisja Kattolika li nafu li kienu jeżistu fl-Albanija bejn l-aħħar tas-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax, insibu li dsatax kienu ddedikati lil San Ġorġ. Dan ifisser li f'dan il-pajjiż kien hemm aktar knejjes Kattoliċi ddedikati lilu milli lil xi qaddis ieħor, minbarra dawk iddedikati lill-Madonna, lil San Nikola u lil Santa Venera.

Id-devozzjoni lejn San Ġorġ fil-Knisja Ortodossa fl-Albanija tidher fid-diversi knejjes Ortodossi ddedikati lil San Ġorġ. Insemmi biss dik li sa mis-seklu erbatax tinsab fir-reġjun ta' Berat fin-nofsinhar tal-pajjiż u l-Katidral li hemm fil-belt ta' Korça fejn is-Soċjetà tal-Museum tmexxi skola sekondarja ddedikata lill-qaddis Malti San Ġorġ Preca. Din il-knisja ilha hemm mis-seklu tmintax. Fil-belt ta' Durrës, fejn jgħixu u jaħdmu l-patrijiet Dumnikani Maltin, l-Ortodossi għandhom knisja ċkejkna ddedikata lil San Ġorġ.

Id-devozzjoni lejn San Ġorġ fost il-Musulmani kienet kbira mhux ħażin, u llum il-ġurnata l-kleru Islamiku jsibha diffiċli jikkonvinċi lill-fidili tagħhom li dik ta' San Ġorġ hi festa Kristjana u ma għandhiex tiġi mħarsa minnhom.

Fid-distrett ta' Tirana, li hija l-belt kapitali tal-Albanija, hemm raħal ċkejken iddedikat lil San Ġorġ li bl-Albaniż jismu Shëngjergj (li jinqara *Xenġerġ*). Dan qiegħed f'riġlejn il-muntanji Dajti. F'dan ir-raħal ċkejken hemm jgħixu madwar l-2,186 ruħ, skont iċ-ċensiment li sar fl-2011. Jekk tkejjel linja dritta fuq il-mappa bejn dan ir-raħal u l-Katidral ta' Tirana hemm xi 24km, iżda jekk tqis it-toroq li jserrpu mal-għoljiet, id-distanza hi ferm akbar. Qed insemmi dan il-katidral għax hu s-sede tad-Djoċesi li fiha, sa mill-1995, hemm jaħdmu l-patrijiet Dumnikani Maltin u li l-Arċisqof tagħha hu Mons. Ġorġ Frendo, Dumnikan Malti.

Jgħidu li f'dan ir-raħal hemm għar li n-nies ta' dawk l-inħawi kienu jqisuh bħala post qaddis iddedikat lil San Ġorġ. Kienu jagħmlu ħafna pellegrinaġġi lejn dan l-għar, speċjalment fil-festa ta' San Ġorġ. Kienu jixegħlu x-xemgħa u jħallu offerti biex jitolbu l-għajnuna ta' dan il-qaddis, speċjalment kontra l-mard. Jgħidu li l-morda li ma kinux jistgħu jżuru u jqimu lil San Ġorġ f'dan l-għar, kienu jibagħtu xi ħwejjeġ tagħhom biex ipoġġuhomlhom fl-għar għal xi żmien biex jiġu mberkin minn San Ġorġ. Kienu jemmnu li meta jilbsu dawn il-ħwejjeġ u jixorbu l-ilma miġjub minn dan il-post, kienu jfiqu aktar malajr.

Il-festa ta' San Ġorġ fost l-Albaniżi kienet u għadha tiġi ċċelebrata fit-23 ta' April, imma Albaniżi oħra, speċjalment dawk li jgħixu fil-Kosovo u l-Maċedonja, jiċċelebrawha fis-6 ta' Mejju, skont il-kalendarju tal-Knisja Orjentali. Fl-antik, il-festa tat-23 ta' April kienet timmarka l-bidu tas-Sajf u wkoll il-bidu ta' sena ġdida.

Kien hawn ħafna drawwiet popolari marbuta ma' din il-festa li kienu maħsuba biex jgħinu fit-trobbija tat-tfal, fit-tkabbir tal-annimali u tal-uċuħ tar-raba'. Jgħidu li n-nies li kienu jgħixu fil-muntanji fit-tramuntana tal-pajjiż kienu jemmnu li ħxejjex u pjanti oħra jkollhom qawwa speċjali kontra l-mard jekk ikunu miġbura fil-jiem ta' bejn iż-żewġ festi ta' San Ġorġ, dik tat-23 ta' April u dik tas-6 ta' Mejju. Jgħidu li fid-distrett muntanjuż ta' Mirdita kienu jemmnu li jekk bejn dawn iż-żewġ festi ta' San Ġorġ ikun hemm tempesti bir-ragħad u s-sajjetti, dak is-Sajf ma kienx ikun hemm sriep f'dawk l-inħawi.

Billi l-Albanija hu pajjiż muntanjuż, ħlief f'xi partijiet matul il-kosta li huma pjanura jew art moxa, jew kif isejħulha hawn, *këneta*, hu diffiċli titkellem dwar drawwiet il-poplu b'mod ġenerali, għaliex kull raħal moħbi fit-tinjiet tal-muntanji għandu d-drawwiet tiegħu li ma tistax tqishom bħallikieku mxerrdin mal-Albanija kollha. Dawn l-irħula mistura fil-muntanji u li huma diffiċli biex tilħaqhom, ma tantx laħqithom il-persekuzzjoni qalila Komunista kontra kull min kien jemmen f'Alla, u ċerti drawwiet baqgħu. Iżda għal dawk li kienu jgħixu f'postijiet aktar aċċessibbli, il-qilla tal-persekuzzjoni ħadet ħsieb li xxejjen dak kollu li seta' jitqies bħala għerq ta' tixwix kontra l-ħakkiem. Għalhekk, wara l-waqgħa tal-Komuniżmu, dawk li mill-irħula fil-muntanji niżlu jfittxu ħajja aħjar fil-bliet il-kbar, dawn id-drawwiet ta' pajjiżhom ma sabuhomx. Ħafna minn dawk li issa jgħixu fil-limiti tal-parroċċa tagħna ġew minn dawn l-irħula fil-muntanji. Mid-devozzjonijiet tan-nies tagħna faċli tagħraf minn liema rħula ġew.

Hi tassew ħasra li ħafna drawwiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-kult naqsu mhux ħażin. Veru li wħud minnhom kienu faċli jwasslu għal ċerti superstizzjonijiet. Iżda ma hux diffiċli wisq li evanġelizzazzjoni maħduma bil-ħsieb, bil-qalb u b'rispett lejn il-poplu twarrab dak li hu superstizzjoni biex tħalli u tkattar id-devozzjoni, li jekk hi vera, twassalna lejn Ġesù bl-għajnuna tal-qaddisin tiegħu.

Id-Dumnikani Maltin fl-Albanija jaqdu l-missjoni tagħhom b'dan l-ispirtu ta' evanġelizzazzjoni, f'diversi postijiet u b'manjieri differenti skont il-ħtiġijiet tan-nies. Minbarra l-knisja parrokkjali li tinsab f'tarf il-belt ta' Durrës, il-patrijiet jaqdu wkoll lin-nies li jgħixu f'sitt irħula fil-qrib.

Fost dawn l-irħula hemm dak ta' Lagjja Mirdita. F'dan ir-raħal jgħixu ħafna familji foqra li m'ilhomx wisq li niżlu mid-distrett muntanjuż ta' Mirdita, fejn kienu jgħixu, biex ifittxu x-xogħol u jagħtu ġejjieni aħjar lil uliedhom. Hemm il-patrijiet jaqdu l-ministeru tagħhom minn kappella ċkejkna li fil-fatt hi ddedikata lil San Ġorġ Martri. Din ġiet mibnija



mill-ġenerożità ta' benefatturi Maltin madwar sbatax-il sena ilu. Minbarra l-quddiesa tal-Ħadd u ċelebrazzjonijiet oħra matul is-sena kollha, f'din il-kappella jsiru laqgħat differenti u t-tagħlim tal-katekiżmu. Ma jistax jonqos li l-jum l-aktar mistenni fis-sena jkun dak tat-23 ta' April, festa ta' San Ġorġ. Issa saret tradizzjoni li dakinhar ir-raħal jinġabar bi ħġaru għall-Quddiesa Pontifikali f'ġieħ il-maħbub Patrun.

Xi snin ilu nbeda proġett ġdid li jikkonsisti fil-bini ta' ċentru biex jaqdi l-ħtiġijiet pastorali u soċjali tan-nies ta' dan ir-raħal u ta' dawk li jgħixu fl-irħula tal-qrib. Dawn il-ħtiġijiet jinkludu l-katekiżmu, għajnuna fl-edukazzjoni u s-saħħa, u xi servizzi oħra umanitarji u soċjali. Fil-fatt, minbarra s-swali fejn issir il-katekeżi, twaqqaf *kindergarten*, u post fejn tingħata xi għajnuna medika u wkoll tagħlim lit-tfal wara l-ħin tal-iskola. Nixtiequ noffru ambjenti xierqa li fihom ikun jista' jingħata servizz fil-kuntest tal-formazzjoni sħiħa tal-bniedem. Ġie maħsub ukoll post għar-rikreazzjoni u l-isport. Biswit iċ-ċentru tlestiet knisja ikbar li għall-grazzja ta' Alla tbierket fid-19 ta' Settembru 2015.

Għeżież qarrejja, nistedinkom biex dejjem iktar u flimkien inħallu lil San Ġorġ jgħinna nħaffu l-passi tagħna lejn Ġesù għas-salvazzjoni u għall-ferħ ta' kulħadd. Imqanqlin mill-eżempju tal-Patrun, ejjew ngħixu l-ferħ tal-Vanġelu fil-familji tagħna, fuq ix-xogħol, fil-parroċċa u f'kull post ieħor li fih nistgħu nagħtu xhieda tal-ferħ tagħna li hu mnissel mill-Aħbar it-Tajba li Ġesù hu ħaj u jinsab fostna u magħna. Dan hu l-veru ferħ li fil-fond ta' qalbna jissaħħaħ bis-seħer u l-ħlewwa tal-fidi ċkejkna tagħna.

*Wieħed jista' jikseb aktar informazzjoni minn www.lagjjamirditacentre.webs.com.*

## PELLEGRINAĠĠ PARROKKJALI F'LOURDES

Mid-29 ta' Lulju sal-4 ta' Awwissu 2017







"Bl-interċessjoni ta' San Ġorġ, missirijietna għożżew u fehmu aħjar ħnienet is-Sema."







"San Ġorġ issallab ma' Kristu biex bl-imħabba qaddisa ta' Kristu jfannad fl-abbissi tal-mibegħda u d-disperazzjoni – fejn m'hemmx imħabba – u hemm jinbidel kollox fix-xbieha oriġinali."







"Aħna għażilna lil Ġorġi biex bil-qawwa li wera fil-martirju tiegħu jintercedi għalina quddiem Kristu."

# Divertimento...

## On the 20th Anniversary of the Victoria International Arts Festival

Rev. George J. Frendo



"All art is quite useless". Obviously it takes an Oscar Wilde to fling that phrase in your face without batting an eyelid! Indeed, that telling phrase contains the essence of art: its uselessness. It would be the end of time as we know it, and the end of humanity as well, were art to be equated with utility. It would indeed be tragic were the criterion for art to be its profitability. That's why it is absolutely essential that art be divorced from *sustainability*; when art becomes one with that dreaded financial condition, with the passing fad in the public sphere, art just disappears and with it beauty. Art is all about remaining: ironically, *sustainability* is all about passing!

It could be the reason why all art as we know it today practically started within the limitless confines of the Church. The Church is all about remaining: the Church is concerned with the eternal. And what is eternal is useless, just in the same way as all art (Beauty) is useless. Indeed, to dismiss the beautiful as something superfluous, an optional extra, is simply to make life miserable, mean and barren. For a Christian who knows and adores God's glory and majesty, disparagement of the beautiful is a betrayal of the Spirit. Beauty is the splendour of the true and the good. In it man senses the attractive power of all that is good and true. One who, in all his being, knows truth and goodness is already caught by the love of the beautiful.

What plagues the present era is that the concept of Truth, thus Goodness and Beauty, has been virtually given up and replaced by the all-encompassing concept of Power and Utility: Progress itself, and all that leads to it, is the Truth. Progress has become the yardstick by which the so-called advancement for the human race is measured. As if Beauty and Art can be measured! The Church has practically become an oasis of Beauty and Art in an-ever encroaching desert. One can rightly speak of the desertification of the social milieu. Indeed desertification is not merely a physical phenomenon but a moral one. The desert stands for the uninhabitable; the rudderless; the ever-changing: it is no place for man to be. One is not off the mark to assert that the Church is the only place to be: where Beauty and Art, like the smiling rose, offer solace to the weary, instilling hope and lighting up faces.

All art is just there; but perhaps there is no other art form as *not quite there* as music. Music is always in the making. Through music the fleeting moment is stayed: it is transformed into beauty, and *qua talis* becomes eternal. A Beethoven sonata, combining grandeur, majesty with adoration, is timeless: it lifts up both the performer and the listener on the wings of wonder to pastures eternal. Art is not a decoration but an essential. The present obsession, (sustainability again!), with going for the commonplace, or the entertainment of the masses syndrome, is a withering condition. All art is terribly elitist: it has nothing to do with the masses. As the Romans wryly observed, *vulgus vult decipi* (the masses just want to be deceived)! And may I add that we are not in the deceiving business! It will be a sad day indeed where art, or music for that matter, to be subjected to the fancy of the masses, or to their nod.

I may be asked to explain myself better with regard to the statement about elitism. I have no qualms about doing it of course. By elitist, I mean that the artist has to be true to himself and to his calling: it takes a brave man indeed to love. After all, art is about loving. And as the Scriptures remind us, "he who wants to procure love, encounters nothing but scorn" (Cant. 8, 7). It takes a bold man indeed to be an artist. When it comes to art, the approval of the masses just does not come into the equation. If and when






it does, than it would spell the expulsion of beauty, and its attendants, truth and goodness, sealing off the pathway to the heavens.

May that day never dawn... The *Festival* has proved if anything that true art creates its own *momentum* just like the heartbeat. Once it is turned on, it goes on. If something is beautiful *in re* than there is no stopping it. The fascination which the Festival has exerted on the ever-growing number of patrons is something to be experienced to be believed. The Festival has been a defining moment in the local cultural *milieu*. One can rightly speak of *before* and *after* with regards to high culture in Gozo. Who would have imagined in his wildest dreams that Gozo would be the venue of a five-week long cultural bonanza fielding musicians of note from all over the globe performing all genres of classical music and other apart from interacting with our music enthusiasts and music students and all this for free? No wonder Albert George Storace writing in *The Sunday Times* defined the Festival as "the Gozo miracle". And as with all miracles, a dose of faith is indispensable! Who would have imagined that a Beethoven symphony or the combined impressive forces of the *Coro della Cappella Sistina* and the *Laudate Pueri* Choir performing Perosi's magnificent motet *Tu es Petrus* would resound in the gilded interior of St George's Basilica? This is just to cite two examples as it is impossible to encompass the breath and width of the scope of the Festival and the rich variety of fruits which have been reaped over the span of twenty years.

Make sure to be around by the beginning of June...

photos: Sam Cefai



# Il-Qniepen tal-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex Ġrajja u Lingwa

## Tifkira tad-disgħin sena mill-wasla tal-qniepen ta' Barigozzi fl-1925

(It-Tielet Parti)

Noel Micallef

**Iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-qniepen: 24 ta' Settembru 1925**

Korrispondent bl-isem ta' *Gaulos* kiteb fil-gazzetta *Malta* ta' nhar it-28 ta' Settembru 1925 rendikont ta' dak kollu li ra fiċ-ċerimonja tal-qniepen.

> Una Simpatica Cerimonia Al Gozo
>
> Ci scrivono dal Gozo – C. Vittoria, 26 Settembre 1925
>
> Giovedì scorso, 23 del corrente [trid tkun 24], ebbe luogo in Città Vittoria una simpatica cerimonia, più unica che rara per Gozo: la benedizione delle nuove cinque bellissime campane destinate per la Chiesa Parrocchiale di San Giorgio Martire. Assistette alla cerimona una folla immensa che assiepava il piazzale della chiesa e la strada prospiciente ove erano allineate le 5 campane, due delle quali di staordinaria grandezza. La lunga funzione, col suo cerimoniale oltremodo caratteristico e significativo, fu condotta da S.E. Rev.ma il Vescovo di Gozo, Monsignor Gonzi, assistito da Mons. Cordina e da Mons. Pace. Fungevano da padrini l'On. Enrico Mizzi, Ministro del Tesoro (ad int.) e Ministro d'Industria e Commercio; l'Onor. Not. Salv Borg Olivier, presidente dell'Assemblea Legislativa; l'Onor. Prof. Carlo Mallia, Ministro di Guistizia; l'Onor. Prof. C. Mifsud, Ministro della Salute Pubblica; e l'Onor. Dr Giovanni Adami, Ministro dei Lavori Pubblici. A tutti la folla fece delle cordiali accoglienze. Dopo la cerimonia fu offerto al Vescovo, ai Ministri e agli altre invitati un sontuoso rinfresco nella Sacrestia della Chiesa Parrocchiale.
>
> Dò un *prosit* di cuore ai promotori della simpaticissima cerimonia ed in modo particolare all'infaticabile e zelantissimo Arciprete Parroco Mons. Can. Cap. Don Alf. M. Hili, al quale si deve l'indiscutibile successo.[49]



Pittura ta' Mons. Franġisk Portelli li tinsab fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

Id-diskors tal-okkażjoni kien għamlu l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili fuq pulptu li kien fil-bidu ta' Triq San Ġużepp.[50] John Bezzina, f'wieħed mill-artikli tiegħu, jikkwota lil zijuh Patri Ġjaċint Camenzuli OFMCAP dwar id-diskors li kien għamel l-Arċipriet Hili. Għalhekk ta' min jislet biċċa qasira mid-diskors li jiftakar Patri Camenzuli.

> San Ġorġ mis-Sema ilu snin jisma' l-Innu l-Kbir ta' Mons. Giuseppe Farrugia. San Ġużepp, li tiegħu kien iġib ismu, f'lejlet il-festa tiegħu sejjaħlu sabiex mis-Sema jisma' l-qniepen li kien intona għall-knisja tiegħu stess. U meta daqqew l-ewwel darba tal-Mellieħa, Dun Ġużepp semagħhom mis-Sema, semagħhom idoqqu bil-ferħ jiżżu ħajr lil Alla, semagħhom inaqqru l-ewwel darba fin-niket il-mewt tiegħu stess... Għalhekk, għażiż ħuna, ismagħhom ifaħħru 'l Alla, 'l Ommu Marija li inti tant ħabbejt, lill-Għarus tagħha Ġużeppi u lil San Ġorġ, li inti dejjem ħabbejt daqs il-mimmi ta' għajnejk. Għalhekk nistieden lill-Eċċ. Tiegħu sabiex jiġbed l-ewwel tokki bil-qniepen tiegħek, u wara nistieden il-mexxejja ta' pajjiżna ħalli huma wkoll jagħmlu l-istess... u jkunu xhieda tas-sbuħija ta' leħinhom, li jwassal 'il bogħod, il-leħen tal-verità.[51]

Il-qniepen ġew ikkonsagrati hekk: l-ewwel waħda (il-Kbira) lil San Ġorġ Martri, Ġesù Ewkaristija u l-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema; l-oħra f'ġieħ il-Familja ta' Nazaret – Ġesù, Marija u Ġużeppi, kif ukoll San Pawl Missierna Appostlu u San Alfons, Duttur u Konfessur; it-tielet waħda hi f'ġieħ San Franġisk ta' Assisi, u Sant'Ursola u Santa Katerina, it-tnejn Verġni u Martri; ir-raba' waħda hi f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu, San Ġużepp u San Mikiel Arkanġlu; filwaqt li l-ħames hi f'ġieħ San Mikiel Arkanġlu, San Ġużepp u Ġesù Msallab.[52]

Qed inġibu hawnhekk il-kitbiet li jinqraw fuq il-qniepen taħt ix-xbihat tal-qaddisin li ġew imsemmijin u tal-istemmi tal-Papa, tal-Isqof u tal-Arċipriet. Dawn il-kitbiet jinsabu wkoll miktubin fl-*Ex Liber Baptizatorum Parrociæ S. Georgii Martyris*, Vol. XIV, ir-Reġistru tal-Magħmudijiet li jinsab fl-Arkivju tal-Bażilika ta' San Ġorġ.[53]

I
Fis-sena tal-Mulej 1925
meta Piju XI kien Papa,
Mikiel Gonzi Isqof ta' Għawdex
u Alfons M. Hili Arċipriet,
bis-sehem kbir tal-poplu
tal-Belt Għawdxija
lil Ġorġi Megalomatri Patrun
ġiet mogħtija b'qima.

II
Lill-Familja ta' Nazaret,
Ġesù, Marija u Ġużeppi,
lill-Appostlu Pawlu Missierna
u Patrun bl-għotjiet tal-fidili
u bit-taħbit ta' Dun Karm Hili
ġiet mogħtija b'qima
fis-Sena tal-Mulej 1925.

III
Mill-għotjiet
ta' Dun Frangisk Buhagiar,
benefattur kbir tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ,
Dun Franġisk Portelli,
Kanonku tal-Knisja Għawdxija,
eżekutur testamentarju,
ħa ħsieb li ssir fis-sena Kristjana 1925.

IV
Lil Mikiel Arkanġlu,
ġellied fil-ġlieda tal-Mulej
M.B.,
twajjeb u għaqli,
offra minn ġidu
fis-sena Kristjana 1925.

V
Lil Ġużeppi,
li rawwam lil Iben Alla,
u lill-Prinċep tal-Milizja smewwija,
Ġużeppi Cordina u Mikiela, oħtu,
taw b'wegħda
fis-sena Kristjana 1925.

Dokumentazzjoni oħra li nstabet dan l-aħħar fil-*Museo Ditta F.lli Barigozzi* tirrakkonta l-ġrajja tal-konsagrazzjoni tal-qniepen. Din hija ittra datata 25 ta' Settembru 1925 miktuba minn Mons. Franġisk Portelli, fejn irrakkonta lill-Inġ. Prospero Barigozzi l-konsagrazzjoni tal-qniepen u li dawn kienu ntgħoġbu mill-poplu preżenti.

25 Settembre 1925, Vittoria Gozo

Ill[ustrissi]mo Sig[no]r. Ing[eniere]. P. Barigozzi,

Ieri finalmente le nuove campane sono state solennemente benedette e suonate con grande entusiasimo di numerosissima gente accorsa anche dai vicini casali. I maestri di musica Sigr. Emmanuele Bartoli e Sigr. Antonio Buhagiar hanno ammirato la perfetta intonazzione e la precisione e chiarezza delle note. Un prosit di cuore all'Ill. mo fonditore che se fosse stato presente sarebbe stato fatto segno alle ovazioni del popolo; a tutti sembro di sentire suonare un organo od un orchestra.

Credo che Elia ha tenuto la sua parola circa l'amalgama del bronzo, di mettere cioè una maggior percentuale di stagno per dar maggior vigore al suono; sul caso le riconosseremo il merito quando pagheremo l'altro terzo, in Maggio p.v. perché per ora li é impossible, avendo speso per la riparazione dei campanili piu di lire sterline cento, il doppio di quello che si credeva, e pagato oltre lire sterline cento di dazio al governo. Ho notato nelle maniglie, cui si attaccano i battagli, due fori, desidererei saperne il loro uso.

Voglio sperare che l'ottima riuscita delle nostre Campane le frutterà nuove ordinazioni; gia il parrocco di Casale Żebbuġ mi ha detto che un benefattore intende ordinare una Campana di circa kg. 2360.

Intanto la ringrazio sentitamente delle ultime istruzioni circa i battagli ed osse, quiandola distintamente anche a nome di Mons Arciprete, mi creda.

Dev[otissi]mo. Mons. Sac. Francesco Portelli.[54]

Fatt kurjuż hu li meta ġew ikkonsagrati l-qniepen, il-Banda Ċittadina u Dekana ma kinitx ħadet sehem fiċ-ċerimonja ta' nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru, u dan għalkemm kienet esegwiet programm fl-okkażjoni tal-Festi Nazzjonali tat-8 ta' Settembru li kienu ġew iċċelebrati fit-tmiem il-ġimgħa ta' qabel. L-imsemmija Banda, taħt it-tmexxija tas-Surmast Giuseppe Stivala, kienet daqqet nhar is-Sibt 19 ta' Settembru fi Pjazza Rjali (illum Pjazza Indipendenza) bis-siltiet ta' hawn taħt.

1. R. Struass – Entrata Solenne dei Cavalieri dell'Ordine di Malta.
2. Schubert – Rosamunde – Overture.
3. Giordano – Madame Sans Gene – Fantasia.
4. Leoncavallo – Serenata.
5. Cilèa – Adriana Lecouvreur – Fantasia.

Dio Salvi il Re.
N.B. I numeri 1, 2, 4 e 5 si eseguiranno per la prima volta.[55]

Għaliex il-Banda La Stella ma ħaditx sehem se tibqa' mistoqsija bla tweġiba. Iżda nafu li l-konsagrazzjoni tal-qniepen kienet saret fost il-ġimgħa, għax il-Ħadd ta' wara, 27 ta' Settembru, il-Prim Ministru flimkien mal-Ministri u l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż *"posa della prima pietra della centrale elettrica al Gozo"*.[56] Fl-istess ġurnata l-Konti Strickland kellu *meeting* pubbliku fir-Rabat ta' Għawdex.[57] Imbagħad il-Ħadd ta' wara, 4 ta' Ottubru, kien ġie inawgurat il-Każin il-ġdid tal-Banda La Stella fi Triq ir-Repubblika.[58]

B'xorti ħażina, s'issa għandna ma sibniex ritratti li jfakkru din il-ġrajja ta' nhar l-24 ta' Settembru 1925. Iżda bil-kortesija tal-*Museo Ditta F.lli Barigozzi* f'din is-sensiela ta' artikli qegħdin nippubblikaw ritratti tal-konsagrazzjoni tal-qanpiena l-kbira tal-Bażilika ta' Sant'Elena, f'Birkirkara, fl-1931, kif ukoll il-wasla tal-qniepen tal-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat fil-port tal-Imġarr.

**It-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari: 11 ta' Ottubru 1925**

Rigward it-tlugħ tal-qniepen fiż-żewġ kampnari, John Bezzina jikkwota lil Salvu Galea tal-Għaġina. U proprju hija ħaġa xierqa li nisiltu dan il-fatt.

Ma kinitx ħaġa tqila li t-tnejn iż-żgħar jittellgħu f'posthom, imma xħin ġew biex itellgħu l-Mezzana, li kienet fuq is-sodda tar-ramel faċċata tal-ħanut ta' Sopu, din kienet marbuta b'żewġt iħbula, u xħin ingħata s-sinjal biex jiġbdu,




Fuljett oriġinali li tqassam għall-programm li ttella' f'Misraħ it-Tokk nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 1925. [sors: kollezzjoni privata].

il-ġibda ma kinitx f'daqqa, u wieħed mill-ħbula nqata' u n-nies waqgħu. Dan kien is-Sibt, u ġie deċiż li t-tnejn il-kbar jitħallew imdendla fejn kienu fis-Suq sakemm isiru arranġamenti oħra. B'hekk il-Fonza u l-Kbira baqgħu mdendlin fis-Suq, bin-nies għassa magħhom billejl.

Meta ġejna biex intellgħuha, kulħadd jiġbed għalenija… il-ħbula bl-istirar bdew iċaqċqu bħal meta vapur jistira fuq iċ-ċimi. Sabiex waslet fuq, mis-Suq, bil-ħbula nimxu lura, dawk li kienu f'tarf il-ħabel waslu sa ras it-Taraġ tal-Belt, u l-oħrajn kulħadd inkaxxat mal-ħajt tal-Banka. L-aktar xjuħ kienu lura għal li jista' jinqala'. Mal-għajta *Heave*, kulħadd jiġbed f'daqqa, kulħadd miexi lura u l-qanpiena telgħet ħelu ħelu, biss kien hemm xi waqfien żgħir ħafna xhin waslet taħt il-gwarniċun tal-frontispizju, sakemm inqalgħet 'il barra biex ma taħbatx… Għalkemm kien hemm il-bennej taż-Żebbuġ, dan kien fuq il-kampnar, it-treġija tat-tlugħ kienet tas-suldati Maltin. Il-ħbula ġabuhom magħhom huma mit-Tarzna. Għat-tlugħ tal-qanpiena kien hemm ukoll Kalanġ tal-Ħaruf li x'aktarx kien hu li dderieġa waqt il-ġbid. Wara li telgħu l-qniepen u ntrabtu f'posthom, daqqew mota bil-kbir. Kien ukoll lejlet il-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Wara sar riċeviment fis-Sagristija għal dawn kollha li għenu. Infatti, l-Arċipriet ta wkoll xi nkwatri bi xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel lis-suldati għas-servizz li taw.[59]

Semmejna s-suldati. Fil-fatt kienu nġabu minn Malta l-RMA li kienu wkoll għenu lil tal-Mellieħa u lil tal-Qala biex itellgħu l-qniepen f'posthom. Salvu Galea (tal-Għaġina) jgħid li l-ewwel mota mewt li ndaqqet bil-qniepen kienet ta' Peppina Buhagiar.[60] Minn informazzjoni li ġbarna, din kien jisimha Giuseppa Buhagiar, armla tal-mejjet Saverio, imwielda x-Xagħra. Mietet nhar il-11 ta' Ottubru 1925 u ndifnet fil-Knisja ta' San Franġisk, fir-Rabat ta' Għawdex.[61]

Il-jum tal-11 ta' Ottubru jirrakkontah tant tajjeb l-Arċipriet Alfons Maria Hili f'ittra li kien bagħat lill-Inġ. Prospero Barigozzi, datata 11 ta' Ottubru 1925.

Signore

Oggi abbiamo inaugurato solennemente le cinque campane di S. Giorgio, che grazie a Dio, sono riuscite a meraviglia con soddisfazione universale. La loro benedizione venne data da S.Ecc. Revmo. Mons. Diocesano il Vescovo Gonzi il di 24 Settembre nella Piazza e Vie che prospetta la Chiesa. Funsero da Padrini cinque Ministri del Parlamento Maltese, innanzi ad uno stuolo di Canonici, Sacerdoti, Frati e Fedeli. Dopo tutto io stesso salì il pulpito in mezzo alla Piazza e feci un discorso sul significato delle Campane, e sullo sviluppo delle stesse attraverso i secoli.

Perchè poi tutto procedesse bene e senza alcune disgrazie, io ha fatto fare preghiere, esponendo anche il Santissimo sia nel di della funzione delle stesse, come nel di del loro innalzamento nelle torri, e per oggi per tutto il giorno come ringraziamento, facendo, dopo il S.S. Rosario, cantare con orchestra l'Antifona di S. Giorgio, e l'Inno Ambrosiano con la Benedizione Sagramentale. Tutto riuscì stupendamente dal che siano grazie al cielo, che non ha permesso che in tanto lavoro non occorresse alcuna disgrazia.

Come avrei avuto desiderare di visitare la sua fabbrica! E mi ero già preparato, però passando per Milano dove mi trovavo il 2 ed il 3 Settembre u.a. non mi trovai avere il suo indirizzo, e quindi dovetti restare col dispiacere di non trovarla.

Io lo sono debitore di molti saluti mandati sia per mezzo di Mons. Portelli, come per mezzo dal Sig. Busuttil, mi sarebbe quindi stato di gran piacere se avessi potuto visitarlà e salutarlà in prezenza ossequiondole.

Perciò lo faccio adesso per lettere assicurondola e della mia riconoscenza e di quello del mio Clero e Popolo, ed augurandole altri più grandi successi nella sue opere.

Preghero per Lei, e benedico di cuore Lei e la Sua ditta e le auguro ogni bene a Gloria di Dio.

Le offro anche i saluti di Mons. Portelli e del mio V.P. D. Carmelo Hili mio fratello che ha tanto lavorato per l'acquisto di queste campane.

Non è mestieri dirle che ove avro l'opportunità raccomarderò sempre la sua ditta per la fabbricazzioni di altre Campane.

Con ossequi soluti e ringrazziamenti mi prego dire.

Di V. L.

Dev.mo in S.C.

Can. Alfonso M. Hili Acriprete-Parroco
Vittoria Gozo (Malta) 11 Ottobre 1925[62]

**Matul is-snin 1925-2015**

Minn żmien għal żmien il-qniepen ikollhom bżonn ta' manutenzjoni jew xi tiswijiet, bħal tibdil fiċ-ċineg u l-ħbula, ktajjen, żebgħa għall-ilsna, fost affarijiet oħra.

Fl-1956 it-tielet qanpiena, il-Mezzana kif nafuha, kienet tniżżlet mill-kampnar għax kellha xi ħsarat. Reġgħet saret

mill-ġdid fl-istess fabbrika ta' Barigozzi ta' Milan fi żmien l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai u l-Prokuratur tal-Knisja Mons. Anton Grech Vella. Kien tellagħha f'postha l-bajjad Ġużeppi Gauci.[63]

Dan l-aħħar John Cremona għaddielna xi korrispondenza bejn l-Arċipriet Cefai u l-Funderija Barigozzi dwar il-ħsarat u l-qanpiena l-ġdida li kienet saret mill-ġdid mill-istess funderija.

Vittoria Gozo Malta
3 Marzo 1956

Signore

Scrivo con referenza alle sua lettere di Ottobre e Dicembre u.s. re: Campana danneggiata della Chiesa di S. Giorgio di Vittoria.

Seguendo il suo suggerimento ho fatto diligentissime ricerche per vedere se si possa accertare e in qualche modo assegnare una causa che avese potuto causare quell'effetto, p.e. fulmine ed esplosione; ma per quanto abbiamo qui molti abitualmente attenti a tutte le vicende della Chiesa, nessuno puo ricordare alcun accidento del genere.

Qui s'insista ancora nel sospetto che possa essere la 'colombina' di ferro, che, comunque ossidata, abbia fatto spaccare il 'ponte' perche in tutte le campane le crepe hanno avuto inizio dal 'ponte'. In nessuna altra parte della campana c'e ne sono crepe; anche le 'maniglie' sono sane; e nella campana mediana, la quale è gravamente dannegiata, la rottura che c'e nella parte superiore della campana, da ambe le parti e evidentemente una continuazione della crepatura del 'ponte', la quale spaccatura nel 'ponte' è alquanto grossa, e va giu sino all'attaccamento della campana e continua nella stessa direzione da ambe le parti, nel dorso della stessa.

Ad ogni modo il danno c'è; e bisogna rimediarvi. Quanto alla mediana il danno e piuttosto grave, e non ne fasciano uso per non aggravare il danno, ma l'armonia del campanile ha sofferto terribilmente. Quanto alle altre campane il danno e ancora leggiero, ma se continua puo farsi anch'esse grave.

Si dice che a Malta nell'Arsenale Navale si potrebbe, senza Rifusione, riparare la campana semplicemente infuocandola, e quando è rosa fuoco, si ricongiungere le parti lese. Ma si teme che il tono della campna rimane con cio modificate, e cio sarebbe di danno all'armonia del Campanile.

Noi crediamo essere dovere della Ditta di interessarsi della cosa, e restò tanto richiede anche il suo buon nome; perchè è risaputo che una serie di camapne non si fa per 30 anni. Noi ci rimettiamo con piena fiducia al suo retto giudizio ed alla sua nota esperienza, per riabilitare presto per quante possible il Campanile.

Con sensi di vera stima e sincere ossequie.

Dev.mo in Cristo

***

Vittoria, Gozo, Malta
20-VIII-1956

Illustrissimo e caro Signore,

Ricordo con vivo piacere la mia visita alla Sua Ditta avvenuta il 2 c.m. ove ho avuto la sodisfazione di vedere quasi pronta



Il-qanpiena l-antika fil-Funderija ta' Milan.
[sors: Museo Ditta F.lli Barigozzi, Milano].

la nostra campana, e di più il processo della fonderia.

In questi giorni il Sig. Paolo Pace mi ha recato la Sua lettera del 9 corrente, con la Fattura che ammonta a Lit:357.132. Caro Sig. Ingegnere, Lei sara tanto buono da comprendere che la rifusione della campana si è fatta troppo presto della sua prima fattura, cioè dopo soli 30 anni. Qualunque sia stata la causa del danno, la Ditta dev'essere moderata nell'assengar il prezzo, che per noi e un peso inaspettato. Io oserei domandarlà di ridurre l'ammonto almeno a Lit: 300.000.

Noi aspettiamo un'altra fattura di trenta sterline come Le ha spiegato il Sig. Pace. V.S. ricevera subito da qui l'equivalente di trenta sterline; il resto glielà manderà fra qualche settimana, da Roma, lo stesso Sig. Pace. La prego di spedire la campana al piu presto possibile, che noi l'aspettiamo con sollecitudine, per vedere ristabilità l'armonia del nostro Campanile.

In attesa di un Suo riscontro rasiccurante e consolante, con cari saluti e devoti ossequii passo a firmarmi.

Dev.mo cliente
Arciprete di Vittoria

***

Ditta Fratelli Barigotti
dell'Ing. Prospeto Barigozzi
29 Settembre 1956

Rev.mo Mons. Raffaelo *[sic]* Cefai
Victoria Gozo
Ven. Da Chiesa di S. Giorgio

Ho ricevuto la preg. di Lei e con essa l'assegno del Sig. Pace al quale ho fatto pervenire l'annuncia del ricevimento.

Debbo sentitamente e cordialmente ringrazziarLa di aver accolto la mia richiesta e soprattuto di avermi


Pro forma fattura

| | | | |
|---|---|---|---|
| Importo formatura fusione campana | Kg I004,8 a L. 270 | L. | 27I.296 |
| Consumo di fusione 5 % | Kg 50,240 | | |
| Differenza bronzo sul vecchio | " II,800 | | |
| Tot bronzo in più | 62,040 " 900 | " | 55.836 |
| Colombina speciale passante con lunga avvitatura a tornio e isolatori bachelite | | " | 20.000 |
| Imballaggio, spese, documenti e spedizione | | " | I0.000 |
| Tot | | Lit | 357.I32 |

L-invoice li turi l-ispiża totali ta' Lit.357.132 għat-tiswijiet tal-qanpiena fl-1956 [bil-kortesija ta' Sur John Cremona].

indirizzato delle espressioni di soddisfazione che mi tornano particolarmente gradite. So che vi sarebbero altre opere da eseguire, ma purtroppo le condizioni doganali e di scambio sono tanto gravi da compromettere la fornitura. Il Sig. Pace si è realmente prodigato per render possibile l'opera eseguita e la prego di ringraziarlo e di continuarmi il di lui appoggio tanto cortese.

Sempre a di Lei graditi ordini e con i più cordiali saluti ed ossequi.

Obb.mo

Insibu miktub li f'Diċembru 1986 kien qiegħed isir xi xogħol ta' manutenzjoni fuq il-qniepen tal-Bażilika, proprju fuq il-Fonza, u tiswijiet f'qanpiena oħra fl-istess kampnar.[64]

Nistgħu nsemmu wkoll li fl-aħħar tas-sena 1995 kienu qed isiru xi xogħlijiet fuq il-kampnar tal-Lvant. Il-kampnar ġie mibni mill-ġdid peress li kien hemm deterjorazzjoni kbira kif ukoll ħsara strutturali. Ix-xogħol kien f'idejn il-Perit Roger DeGiorgio u s-Sur Vince Centorrino, filwaqt li l-bini tal-kampnar ġie fdat lill-bennej Anthony Vella u x-xogħol tal-lavur sar mis-Sur Charles Axiaq.[65] Din l-opra saret fi żmien il-mibki Arċipriet Mons. Salv Borg u ssorvelja x-xogħlijiet Dun Ġużepp Farrugia, aktar tard Arċipriet tal-Bażilika. Nhar il-15 ta' Diċembru, l-ewwel jum tan-Novena tal-Milied, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni mal-Kapitlu u l-kleru tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ bħala radd il-ħajr 'l Alla talli l-bini l-ġdid tal-kampnar tal-Bażilika kien intemm b'wiċċ il-ġid.[66]

Matul is-snin il-qniepen tal-Bażilika daqqew b'ferħ xi ġrajja, bħal dik tal-għoti tal-Bażilika fl-1958 u tal-Kolleġġjata f'Diċembru 1975. Daqqew fil-festi straordinarji, bħaċ-Ċentinarju tal-1984 u dak tal-2003. Laqgħu wkoll is-sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej fl-1 ta' Jannar 2000. Ħabbru wkoll mumenti ta' niket meta jkun miet xi wild mill-Parroċċa, jew tkun tħabbret il-mewt ta' Papa, inkella l-ħatra ta' Isqof jew Arċipriet ġdid. Nistgħu nibqgħu sejrin, għax il-qniepen tal-Bażilika ma jieqfu qatt.


Pawlu Pace.

Sabiex tibqa' mfakkra din il-ġrajja tal-1925 u l-anniversarju tat-tmenin, saret tifkira b'diversi ġrajjiet. Il-kommemorazzjoni tal-anniversarju nfetħet b'mota fit-23 ta' Settembru 2005 mis-7.30 sad-9.00pm. L-għada, 24 ta' Settembru, il-Belt Victoria qamet b'mota ta' siegħa u nofs mis-7.30 sad-9.00am, fejn imbagħad kien hemm Konċelebrazzjoni. F'nofsinhar u filgħaxija, il-qniepen reġgħu xandru leħinhom fl-okkażjoni ta' din il-ġrajja. Dakinhar stess, l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia kixef u bierek lapida li tinsab mal-ġenb tal-knisja fi Triq Karità sabiex tagħti ħajr mill-aktar xieraq lill-benefatturi kollha tal-qniepen tul iż-żminijiet.

Infakkru hienja għeluq il-75 sena mill-ġrajja tal-konsagrazzjoni tal-qniepen ġodda li seħħet fl-24 tad-disa' xahar tas-Sena tal-Mulej 1925 mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, biex bihom issokta jistagħna l-maqdes Ġorġjan taħt it-tmexxija għaqlija tal-Arċipriet Alfons M. Hili, Kappillan ta' San Ġorġ u tal-Belt Victoria, f'ħidma waħda mal-magħruf Mons. Ġużeppi Farrugia li kkomponiehom, Mons. Franġisk Portelli li stinka biex jirnexxu, u bosta benefatturi ġenerużi oħra li għalenija fil-ħsieb u annuna fil-qalb, riedu jroddu l-akbar sebħ lil Alla Wieħed fil-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u aktar ġieħ lil San Ġorġ Megalomartri, li minn dan it-tempju belti waqaf mal-miġemgħa Għawdxija sa minn dejjem Ġorġjana, f'waqtiet ta' ferħ u oħrajn ta' niket li tagħhom dawn il-qniepen magħmula fil-bronż mill-Funderija Barigozzi ta' Milan ewliena fis-sura u l-ħlewwa saru ilħna ġodda li pperfezzjonaw il-qodma, żina dejjiema ta' kburija u ġmiel għal din il-belt u l-gżira. Fis-sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Inkarnazzjoni tal-Mulej, 24 ta' Settembru 2000.

### Ħajr

Nixtieq nirringrazzja lil dawn il-persuni li għenuni niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu: Charles Bezzina, Patri Gwardjan Joe Buttigieg OFMCAP, Daniel Cilia, John Cremona, Anthony Farrugia, Toni Farrugia, Neville Galea, Museo Ditta F.lli Barigozzi ta' Milan, George Francis Vella.

L-ebda ritratt jew informazzjoni li huma ppubblikati f'din is-sensiela ta' artikli ma jistgħu jiġi riprodotti mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur.

*jissokta fil-ħarġa li jmiss...*

### Noti

[49] GAULOS, 'Una Simpatica Cerimonia Al Gozo', f'*Malta*, 28.09.1925, 2.
[50] NIKOL VELLA APAP, 'F'għeluq il-ħamsa u sebgħin sena (1925-2000)mill-wasla ta' sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex', fi *Programm tal-Festa ta' Ġorġ 2000*, 37-41.
[51] JOHN BEZZINA, 'Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex, 1925-1985', fi *Programm tal-Festa ta' San Ġorġ 1985*, 47-59.
[52] ĠUŻEPP GAUCI (trad.), 'Il-Magħmudija tal-Qniepen 'Ex Liber Baptizatorum Parrociæ S. Georgii Martyris', Vol. XIV', f'*Il-Belt Victoria* 146-147 (Settembru-Diċembru 2005), 7-8.
[53] Ibid.
[54] Museo Ditta F.lli Barigozzi, Milano.
[55] 'Musica al Gozo', f'*Malta*, 17.09.1925, 2.
[56] *Malta*, 30.09.2015, 2.
[57] BEZZINA, 'Il-Qniepen ta' San Ġorġ t'Għawdex, 1925-1985', 47-59.
[58] Ibid.
[59] Ibid.
[60] Ibid.
[61] REĠISTRU PUBBLIKU, *Att tal-Mewt* 358 (1925).
[62] Museo Ditta F.lli Barigozzi, Milano.
[63] VELLA APAP, 'F'għeluq il-ħamsa u sebgħin sena (1925-2000) mill-wasla ta' sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex', 37-41.
[64] BORD EDITORJALI, 'Il-Qniepen tal-Bażilika', f'*Il-Belt Victoria* 33 (Novembru-Diċembru 1986), 5.
[65] BORD EDITORJALI, 'Il-bini mill-ġdid tal-Kampnar tal-Bażilika ta' San Ġorġ', f'*Il-Belt Victoria* 88 (Jannar-Frar 1996), 4.
[66] Ibid.

# Mons. Ġwann Grech (1887-1963)

Winston L. Zammit



Mons. Ġwann Grech (1887-1963).
[ħajr lil Michael Said għar-ritratt]

Fost is-saċerdoti li taw is-servizzi tagħhom fil-Belt Victoria fis-seklu għoxrin insibu lil Dun Ġwann Grech. Din is-sena jaħbat il-mija u tletin sena minn twelidu.

Imwieled fil-Belt Victoria fit-8 ta' Diċembru 1887, bin Pawlu Grech u Carmela Attard, ġie mgħammed l-għada fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Feliċ Refalo, bl-ismijiet ta' Ġwanni, Ġużeppi, Wistin u Anton.[1] Għamel l-istudji tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex, u ġie ordnat saċerdot fl-1914. Nhar it-3 ta' Jannar 1915 iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.[2]

Għal tmienja u erbgħin sena, Dun Ġwann wettaq il-ministeru pastorali tiegħu, u matul dawn is-snin ta s-servizzi tiegħu fil-Katidral u fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Fil-Knisja Katidrali kellu l-karigi ta' Sagristan Maġġur, Kappillan tal-Kor u Ċerimonier tal-Kapitlu.[3] Aktar tard inħatar Ċerimonier tal-Isqof.[4]

## Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ

Dun Ġwann kellu diversi karigi f'din il-knisja parrokkjali. Kien Prokuratur tal-knisja meta kienet qed tiġi mkabbra u ħabrek biex jinġabru l-fondi għall-istess skop.[5] Kellu wkoll il-kariga ta' Prokuratur tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss, fejn ħadem kemm felaħ biex jagħmel opri sbieħ għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien ukoll iħeġġeġ il-membri tal-istess Fratellanza biex ta' kull sena jattendu għall-irtir li kien jagħmel fid-Dar ta' San Kalċidonju (Manresa).[6] Baqa' jokkupa l-kariga ta' Prokuratur ta' din il-Fratellanza sal-1946.[7]

Kien ukoll Prokuratur ħabrieki tal-festi tal-Madonna ta' Lourdes fl-istess knisja,[8] u bħala Prokuratur kabbar id-devozzjoni tad-Dehriet u l-festa li kienet issir ta' kull sena.[9] Hawnhekk ta' min ifakkar li fl-1958, meta kien għadu Prokuratur, din il-festa ġiet iċċelebrata b'solennità akbar, b'tifkira tal-ewwel ċentinarju (1858-1958) tad-Dehriet tal-Madonna f'Lourdes.[10]

## Kanonku tal-Katidral

Fil-bidu tal-1946, Mons. Isqof Ġużeppi Pace ħatru bħala Kanonku Koadjutur tal-Katidral,[11] u aktar tard sar Kanonku Effettiv.[12]

Mons. Grech miet fid-9 ta' Lulju 1963, u f'mewtu nkiteb hekk dwaru fil-ġurnal *Għawdex*: "L-akbar xogħol li għamel tassew ġieħ lil Dun Ġwann kien dak li kien dejjem ifittex lil dawk l-erwieħ li jkunu ttraskuraw fil-ħajja ta' ruħhom. Wara dawn kien jagħmel ġranet ifittixhom fuq ix-xogħol tagħhom, sabiex jurihom kemm huwa ħanin Alla mal-midneb".[13]



Ġesu' Marija, Ġużeppi. Ind. 300 jum.
Ġesu' ħanin, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem. Ind. 7 snin u 7 kwar.

✝

Tifkira Għażiża
ta'
MONS. GIOVANNI GRECH
Kanoniku Kapitulari
Qassis Eżemplari u Ħabrieki
Li wara Ħajja ta' 75 Sena
50 minnhom ta' Saċerdozju
Dedikati għall-Ġid tal-Erwieħ
Ħalla dan il-Wied ta' Dmugħ
Fid-9 ta' Lulju 1963
biex
Jieħu l-Premju li kien jistħoqqlu.
R. I. P.

Is-santa tal-mewt tiegħu.

**Riferenzi**

1 *Għawdex*, 15 ta' Lulju 1963, 4; *Liber Baptizatorum Parochiæ Sancti Georgi*, Vol. 12 (1879-1892), f. 332.
2 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
3 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
4 *Għawdex*, 15 ta' Lulju 1963, 4.
5 *Għawdex*, 15 ta' Lulju 1963, 4; *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
6 Ibid.
7 *Għawdex*, 14 ta' April 1946.
8 Ibid, 15 ta' Lulju 1963, 4.
9 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
10 *Leħen il-Belt Vittorja*, Ġunju 1958, 4.
11 *Leħen is-Sewwa*, 30 ta' Jannar 1946.
12 *The Gozo Year Book*, 1959, 17.
13 *Għawdex*, 15 ta' Lulju 1963, 4.



Mons. Grech man-neputi tiegħu Antoine (Vassallo) fl-Ewwel Tqarbina tiegħu.

## Tifkiriet ta' neputi - Antoine Vassallo

Jien nafu bħala "z-ziju Dun Ġwann" għax hu missier ommi, in-nannu Ġużepp. Għamilt snin ngħix miegħu fl-istess dar il-Vajringa fejn għadni. Kien ħa ħsieb jinbnew fuq art tal-Agostinjani diversi djar simili, anki dik fejn issa hemm l-irħama tfakkar lil Vassallo ieħor – li ma niġux minnu – "sieħeb" is-Sur Nin fil-bini tal-Ilsien Malti. Dun Ġwann kellu miegħu żewġ ħutu xebbiet, Ġanna u Lela, li kienu jgħinuh: ngħidu aħna, billi jagħmlu s-simboli tal-Passjoni għall-fratelli u billi jlestu biex jitrejqu l-ħaddiema San Ġorġ.

Għammidni hu, u żiedli l-isem ta' Ġorġ. Ippreparani għall-Preċett u l-Griżma, li għamilt San Ġorġ fit-13 ta' Ġunju 1957, fejn kienli parrinu. Għallimni kif ngħin il-Quddiesa, sintendi bil-Latin, u qajjimli interess f'kull ħaġa ekkleżjastika. Ramali fejn kont "inqaddes" u nagħmel ċerimonji oħra, inklużi purċissjonijiet u prietki (mit-taraġ bħala pulptu!). Dilettant tal-festi, kien jeħodni miegħu raħal raħal.

Niftakru jġib il-kotba tal-kor tal-Katidral u reġistri għal tiswija u legatura, u kont inħossu "unur" inwassalhom għand Ċensu, ftit passi 'l bogħod, u niġborhom.

Kien effettiv fil-ġbir, permezz ta' lotteriji u bieb bieb; ta' spiss kont immur miegħu. Kienet tolqotni din it-tip ta' konverżazzjoni pjuttost komuni: "Bonġu, Dun Ġwann. Ara nsejt, skużani, suppost għidtlek Mons..." – "Ħallik minn dan, tinkwetax! Mhux Dun Ġwann għadni!".

Kellu devozzjoni qawwija lejn il-Madonna, u niftakar li kien jikkomunika ma' Frenċ tal-Għarb, u m'iniex ċert jekk hux Karmni Grima jew Franġisku Portelli. Żgur li kien involut b'xi mod anki mal-bidu tal-pellegrinaġġi għal fuq l-Għolja, bit-twaqqif tal-Kurċifiss.

Kif innotat minn Mons. Farrugia Gioioso – li z-Ziju introduċieni miegħu, bħalma ma' tant "persunaġġi" oħra – fi tmiem l-għaxar taqsima tat-tieni ktieb tal-*Għawdex* ta' De Soldanis, kien responsabbli taċ-Ċimiterju "tal-Franċiżi" u stimula fija interess fil-qadim u fl-istorja. Kellu librerija tajba li kien jiggwidani nużaha.

Naf li kien tassew midħla ta' Conti u kienu jikkorrispondu. Evidentement kellu relazzjoni mill-qrib sew mal-Isqof Mikiel Gonzi. Mhux darba u tnejn aċċetta li jgħin lil dak li jkun billi jkellimlu lill-Awtoritajiet. Għandi l-impressjoni li kien irrispettat fil-"kurituri tal-poter", anki 'l hinn mill-fliegu.

Niftakru jsemmili l-idea ta' "1234": dak li jmiss ma' San Ġorġ (23/4) għandu jkun l-ewwel (1); u ta' mużew, għax kien jisgħobbih u jinkwieta kull meta kien jinduna li xi ħaġa naqset minn San Ġorġ. Minħabba li kien konfessur imfittex, anki b'bosta jiġu għandu stess, tant drabi akkwista oġġetti, li mbagħad għosfru!

B'xorti ħażina, ftit fadalli oġġetti minn tiegħu peress li, ma' mewtu, diversi kienu ġew ħadu li għoġobhom, b'wegħdiet lil ħutu li jwassluhom San Ġorġ!

Kont jien li sibtu mejjet b'attakk tal-qalb. Kien ilu jbati bi qtugħ ta' nifs u allura jqaddes id-dar. Kellu dispjaċir kbir li ma setax jibqa' jipparteċipa b'regolarità San Ġorġ.



Iqaddes fuq l-altar tas-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ, f'Siracusa, meta kien għadu fil-bini tiegħu.

OBITWARJU

# Mons. Ġwann Mercieca (1932-2017)



Fl-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu San Ġorġ.

Ħalliena saċerdot ieħor! Saċerdot li kien disponibbli għall-Parroċċa, li kont tħoss il-preżenza tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Ta' kuljum kont issibu jaqdi l-poplu ta' Alla permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija – normalment fis-6.00am – kif ukoll fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Barra minn hekk, bħala membru tal-Kapitlu Ġorġjan, ma kienx ikun hemm ċelebrazzjoni kapitulari li ma kontx tarah għaliha.

Dun Ġwann Mercieca twieled fit-23 ta' Diċembru 1932, fil-Belt Victoria, u ġie mgħammed l-għada fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ bl-isem ta' Giovanni, Ġorġ, Manweli u Ġużeppi. Il-ġenituri tiegħu, Saverio u Giovanna xebba Vassallo, kellhom sebat itfal, iżda erbgħa minnhom mietu żgħar. Fil-fatt lilu semmewh Ġwanni għal tarbija li kellhom sena qablu, imma li b'xorti ħażina mietet ta' tliet xhur. Iż-żewġ aħwa l-oħra ta' Giovanni huma Ġużeppi, li għal tletin sena sħaħ kien Arċisqof Metropolita ta' Malta, u Anton, li bħala professjoni għażel dik ta' għalliem. Giovanni kien l-iżgħar wieħed fost it-tliet aħwa li baqgħu ħajjin. Id-dar li fiha trabba tinsab fi Triq il-Providenza, ir-Rabat ta' Għawdex, bieb u għatba mal-Bażilika tagħna.

Saverio kien fetaħ ħanut tal-inbid ftit bibien bogħod mid-dar, fil-katuniera bejn Triq il-Providenza u Triq San Ġorġ, u semmieh 'Tal-Mewta' għal-laqam tal-familja. Giovanni kien tgħallem is-sengħa tal-inbid mingħand missieru. Fil-ktieb *Ġużeppi Mercieca – Ragħaj għal kull staġun*, Dun Ġwann jirrakkonta s-sengħa tal-inbid. Missierhom kien jixtri l-għeneb mingħand bdiewa parruċċani minn sena għal sena. Kien jiftiehem il-prezz mal-bdiewa skont ma kien jiddeterminah il-Gvern. Kien jgħidilhom biex ma jaqtgħuhx qabel kien jgħidilhom hu. Kien iħalli l-festa tal-Vitorja tgħaddi, għax l-għeneb lokali kien ikun għadu ma sarx ħelu peress li z-zokkor ma kienx jinżel malajr ġewwa fih u allura kien ikun irid iktar xemx u żmien biex isir. Il-bdiewa kienu jwasslulu l-għeneb bil-bhima. L-għeneb kien jinħażen fi ġwiebi li Saverio kien għamel apposta. Il-ġwiebi kienu magħmulin minn ħitan ta' għaxar filati, biex ikunu fondi. L-għeneb kien jitkisser b'magna li kienu jdawruha tnejn min-nies li kien iġibhom apposta. Wara li jintgħasar, l-għeneb kien jitħalla jiffermenta u jagħmlulu z-zokkor. Meta kien jiffermenta, kienu jittrasmettuh bl-idejn. Dak ix-xogħol kienu jagħmluh l-aħwa Mercieca flimkien ma' missierhom, għax is-sengħa kienet f'dan il-proċess. Dun Ġwann ikompli jirrakkonta li meta ħuh il-kbir, Ġużeppi, kien Malta, fejn għamel sentejn ikompli jistudja l-Filosofija fl-Università, kien imur jgħin lil ħutu u kien jieħu pjaċir jaħdem fis-sengħa.

Meta kienu għadhom żgħar l-aħwa Mercieca kienu jaqbdu l-kotba u jmorru fil-ħanut biex jgħinu lil missierhom u fl-istess ħin ikomplu jistudjaw skont kif u kemm ikunu jippermettu ċ-ċirkustanzi. Fil-ħanut kienu jikbru wkoll fl-esperjenza tal-ħajja. Dak li kienu jisimgħu mingħand in-nies li kienu jmorru fil-ħanut, bosta drabi nies tax-xogħol – bħal sajjieda u burdnara – kif ukoll nies tan-negozju, swielhom ħafna fil-ħajja. Kienu jservuhom l-inbid u fl-istess waqt jisimgħu r-rakkonti tagħhom.

Wara li rċieva l-ewwel edukazzjoni f'belt twelidu, is-seminarista Giovanni mar Ruma jissokta fl-istudji tiegħu. F'dak iż-żmien li kien Ruma kien hemm ħuh il-kbir, Dun Ġużepp, ikompli bl-istudji tiegħu. Kienu joqogħdu flimkien fil-Kulleġġ Capranica. Billi ż-żewġt aħwa kien jixtiebhu ħafna, sħabhom kienu jsejħulhom *Mercichino* u *Mercichone*.

Qabel mar Ruma, fl-1952, Dun Ġwann kien għamel sentejn jistudja l-Filosofija fis-Seminarju ta' Għawdex. Madankollu, meta mar Ruma, dawn is-sentejn ma għaddewhomlux. Dan peress li s-Seminarju (ta' Għawdex) ma kienx università. Qalulu biex jagħmel kors kumplimentari ta' sena fil-Filosofija biex imbagħad ikun jista' jibda jistudja t-Teoloġija u jibqa' miexi lejn l-akkwist ta' ċertifikat mill-Università Gregorjana. Huwa għamel kors kumplimentari u kiseb il-Baċellerat fil-Filosofija.

Dun Ġwann baqa' jistudja Ruma għal erba' snin, sakemm qaddes fl-20 ta' Jannar 1957. L-ordinazzjoni tiegħu



Kelma bejn l-aħwa meta ħuh laħaq Arċisqof.

saret f'Ruma mill-Kardinal Luigi Traglia (1895-1977), li wara sar Vigarju ta' Ruma (1965-1968) u mbagħad Dekan tal-Kulleġġ tal-Kardinali. Peress li fil-Kulleġġ Dun Ġwann kien jagħti servizz bħala sagristan, huwa kien wieħed mill-ftit żgħażagħ fl-istess kors li billi kienu jaqdu xi uffiċċju, fosthom dak ta' librar, intgħażlu biex jiġu ordnati saċerdoti mill-Kardinal Traglia, f'okkażjoni speċjali, erba' xhur qabel sħabhom. L-okkażjoni kienet l-inawgurazzjoni ta' bini ġdid tal-Kulleġġ, fil-festa ta' Sant'Anjeże, Patruna tagħhom, li tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Jannar.

Fl-ewwel ċelebrazzjonijiet tal-quddiesa minn Dun Ġwann, fil-Kappella tal-*Capranica*, huwa kien jiġi assistit minn ħuh Dun Ġużepp, peress li kienet drawwa li għall-bidu saċerdot ġdid jiġi megħjun fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. L-ewwel quddiesa f'Għawdex Dun Ġwann iċċelebraha fis-17 ta' Frar 1957, fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-prietka kienet saret minn ħuh Dun Ġużepp, u fiha kienu ħadu sehem il-*Pueri Cantores* tal-Kappella Pontifiċja Sistina taħt id-direzzjoni ta' Padre Vittorio Catena. Kienet l-ewwel darba li ġew Malta.

Il-Kardinal Traglia kien ħabib tal-Isqof Ġużeppi Pace. Huma kienu jafu lil xulxin sa minn meta kienu jistudjaw flimkien f'Ruma. Fl-okkażjoni tal-ewwel Ċentinarju tad-Djoċesi, l-Isqof Pace stieden lill-Kardinal Traglia jżur Għawdex. Waqt li l-Kardinal kien Għawdex, l-Isqof Pace ħadu jżur il-familja tas-saċerdoti Ġużeppi u Ġwann Mercieca.

Fl-1959, Dun Ġwann beda jgħallem il-Latin u t-Taljan is-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1963 sar Direttur Spiritwali fl-Iskejjel tal-Gvern Għawdex. Hu kien membru ta' diversi għaqdiet u kummissjonijiet fi ħdan id-Djoċesi, fosthom il-Kummissjoni Kateketika ta' Għawdex.

Dun Ġwann kien wieħed mill-ewwel membri tal-Kolleġġjata li l-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi waqqaf fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-1975. Nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2009, b'digriet maħruġ mill-Kurja Veskovili, twettqu xi ħatriet fi ħdan il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana tal-Belt Victoria. Iċ-ċerimonja tal-ġurament u l-vestizzjoni saret il-Ġimgħa 17 ta' Lulju wara l-*Lectio Brevis* tal-Għasar tat-tielet jum tat-Tridu mqaddes, u bdiet bil-qari tad-digriet tal-ħatra mill-Kanċillier tad-Djoċesi Mons. Salv Debrincat. Fil-preżenza tal-Isqof Djoċesan u Dekan tal-Kapitlu, li assista mit-tron tiegħu fuq il-presbiterju, il-Kan. Ġwann Mercieca għamel il-wegħda bħala l-Penitenzier il-ġdid tal-Kapitlu. Dakinhar, flimkien mal-Kan. Ġwann, Mons. Carmelo Scicluna għamel il-wegħda tiegħu bħala Teżorier, waqt li l-Kan. Karm Grech sar il-Kantur il-ġdid u l-Kan. Saver Calleja l-Primiċerju.

Nhar l-24 ta' Diċembru 2016, il-jum li fih Dun Ġwann għalaq erbgħa u tmenin sena, Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ħatru Monsinjur Onorarju tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex. Fid-Digriet tal-Ħatra maħruġ fl-istess jum, l-Isqof Grech kitiblu hekk: "Għalkemm qatt ma kont tidher, imma inti dejjem kont ħdejh, partikularment matul is-snin tal-episkopat tiegħu. Qed nirreferi għal ħuk, l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta. Jien konvint li għalih inti kont spalla, u dan int offrejtu mhux biss inkwantu li kien ħuk imma wkoll lill-Arċisqof. Għalhekk, b'sens ta' gratitudni, wara li smajt il-parir favorevoli tar-Rev. Kapitlu Katidrali bl-ittra tat-22 ta' Diċembru, bil-preżenti naħtrek Kanonku Onorarju tal-imsemmi Kapitlu bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha skont l-istatuti tal-imsemmi Kapitlu". Meta l-Arċisqof Mercieca


Jingħata l-pussess ta' Kanonku mill-Isqof Cauchi.

kien iżur Għawdex, kien iqatta' ħafna mill-ħin għand Dun Ġwann, u spiss ma kinitx tonqos xi żjara lil San Ġorġ.

Iżda f'dawn l-aħħar xhur saħħet Dun Ġwann marret lura. Fil-fatt, il-quddiesa ta' radd il-ħajr fl-għeluq is-sittin anniversarju saċerdotali saret fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn kien jinsab rikoverat, bis-sehem tal-Arċipriet Mons. Joseph Curmi u Dun Joseph Mercieca flimkien mal-familjari tiegħu. Għadda l-aħħar ġimgħat rikoverat fid-Dar għall-Anzjani tas-Sorijiet Dumnikani fil-Belt Victoria.

Kien nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju fis-1.15pm li Dun Ġwann ħalla din id-dinja u ngħaqad mal-Ħallieq. Il-funeral sar it-Tnejn 5 ta' Ġunju fejn fl-4.00pm il-ġisem mejjet tiegħu tqiegħed fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għall-qima u t-talb tal-fidili. Fl-4.30pm ingħad l-Għasar mill-Kapitlu Ġorġjan fl-istess knisja u wara sar korteo għall-Bażilika ta' San Ġorġ. Fil-5.00pm ġiet iċċelebrata quddiesa *præsente cadavere* minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata. Fiha hu sejjaħ lil Dun Ġwann "qassis tas-Suq, li għamel ħafna ġid lin-nies". Ġie midfun fil-qabar tal-familja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija.

**Bibljografija**

BUTTIGIEG CHARLES, *Ġużeppi Mercieca – Ragħaj għal kull staġun*, Malta 2017.

## Nifirħu lil...

• **Francis James Camilleri**, student fid-Dipartiment tal-Istudji Mużikali tal-Università ta' Malta, li f'Mejju 2017 ingħata premju tal-*Yamaha Music Foundation of Europe Scholarship Competition (Piano)*. Dan l-i*scholarship* ingħatalu biex ikun jista' jintensifika l-istudji mużikali tiegħu. Il-premju ġie pprezentat mir-Rettur tal-Università ta' Malta u mill-Professur Michael Laus. Minbarra dan, f'Awwissu li għadda Francis ingħata l-Premju *Palma tad-Deheb* tal-Kumitat Festival San Lawrenz bħala rikonoxximent għall-ħiliet mużikali tiegħu.



• **Joseph Hili**, seminarista mill-Parroċċa tat-Twelid tal-Verġni Marija, ix-Xagħra, li nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017 ġie ordnat Djaknu mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-Katidral tal-Assunta.

## Insellmu lil...

• **Mons. Ġwann Mercieca**, Kanonku tal-Kapitlu Ġorġjan, li miet nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2017, fl-għomor ta' 84 sena. Il-Funeral tiegħu sar jumejn wara fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

# IL-KONFIRMAZZJONI U L-EWWEL TQARBINA 2017



**IL-KONFIRMAZZJONI**
**Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017**
Margita Apap, Jérôme Attard, Kylie Attard, Matthias Axiaq, Tracy Axiak, Alicia Azzopardi, Maya Bonnici, Victoria Camilleri, Maria Caterina Casarini, Neil Casha, Paul Cassar, Zoë Cauchi, Francesca Cini, Lara Cordina, Francesco Cremona, Kyra Cremona, Karl Curmi, Krista Curmi, Gabor Farrugia, Maia Farrugia, Matthew Farrugia, Gianfranco Gatt Ellis, Lora Grech, Louis Grech, Megan Grech, Phoenix Muscat, Timothy Pace, Maia Saguna, Adriana Ann Said, Hannah Marie Saliba, Amy Schembri, Amira Sciberras, Maria Sultana, Nirvana Theuma, Christina Thornton, Gabriel Vella.



**L-EWWEL TQARBINA**
**Il-Ħadd 14 ta' Mejju 2017**
Liam Apap, Colette Attard, Cristina Attard, Daniel Attard, Zack Anthony Azzopardi, Isaac Buttigieg, Julian Camilleri, Yasmine Debono, Luca Galea, Mireille Galea, Jordie Gatt, Giuseppe Grech, Philip Magrin, Ana Mercieca, Shazney Pace, Elena Portelli, Andreas Refalo, Anthony Spiteri, Graziella Spiteri, Davina Vassallo, Hannah Vassallo, Keith Vella, Lincoln Vella, Elena Xiberras.

*Ritratti: Scerri Photo Studio*



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
Mejju – Awwissu 2017

*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**» 30 ta' April**
Il-ġabra li saret fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd fil-Bażilika biex is-seminaristi Għawdxin jeħduha magħhom fil-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala laħqet is-somma ta' €4,254.15.

**» 1 ta' Mejju**
**9.00am:** Sar seminar għall-istudenti tal-Griżma tal-Isqof flimkien mal-ġenituri u l-parrini tagħhom fid-Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ.

**» 7 ta' Mejju**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, mexxa l-Quddiesa li fiha amministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lil sitta u tletin student u studenta.

**» 11 ta' Mejju**
**7.00pm:** L-Arċipriet Mons. Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-bidu tal-Ħamisijiet bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ. Il-Ħamisijiet komplew sas-6 ta' Lulju u tmexxew minn Dun Simon M. Cachia, li sejjes l-omeliji tiegħu fuq il-Knejjes madwar id-dinja li jqimu lil San Ġorġ.
F'dawn il-ġranet ukoll saret xi ħidma teknika ta' restawr u manutenzjoni meħtieġa fuq l-orgni tal-Kor tal-Bażilika.

**» 13 ta' Mejju**
**Tul il-ġurnata:** Fl-okkażjoni tal-mitt sena mid-Dehriet tal-Madonna f'Fatima saret katina ta' Rużarju tul il-ġurnata, f'kontinwazzjoni mal-quddies kollu.

**» 14 ta' Mejju**
**11.00am:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa Solenni li fiha amministra l-Ewwel Tqarbina lil erbgħa u għoxrin tifel u tifla.

**» 19 ta' Mejju**
**9.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li fiha ngħata bidu għall-ewwel jum tal-Kwaranturi Solenni bl-adorazzjoni tas-Santissmu Sagrament f'kontinwazzjoni mal-quddies li baqa' għaddej sa nofsillejl.
**6.30pm:** Sar il-kant tal-Għasar bis-sehem tal-Kapitlu.
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu.

**» 20 ta' Mejju**
**9.00am:** Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, mexxa quddiesa li tat bidu għat-tieni jum tal-Kwaranturi Solenni bl-adorazzjoni tas-Sagrament f'kontinwazzjoni mal-quddies li baqa' għaddej matul il-lejl kollu.
**6.30pm:** Sar il-kant tal-Għasar bis-sehem tal-Kapitlu.
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu.
**8.30pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM mexxa Quddiesa ta' Fejqan.

**» 21 ta' Mejju**
Fuq il-Bullettin Parrokkjali tħabbret l-Iskema ta' Għajnuna *San Ġorġ għandu bżonnok* li fiha ġew imfissra l-erba' proġetti li l-Parroċċa niedet għas-snin li ġejjin, l-ewwel wieħed fosthom dak tal-Pannelli Voltajċi. Fil-Kappellun ta' San Pawl tqiegħed ukoll *board* li fuqu bdew jitwaħħlu, ġimgħa wara l-oħra, l-ismijiet tal-benefatturi.
**12.00pm:** Wara l-quddies, kompliet l-adorazzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament fit-tielet jum tal-Kwaranturi Mqaddsa.
**3.30pm:** Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet u l-Abbatini organizza siegħa ta' adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet.
**5.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Kwaranturi Mqaddsa, u wara l-Purċissjoni Pontifikali bis-Santissmu Sagrament madwar it-toroq ewlenin tal-Belt Victoria, b'waqfiet quddiem il-knejjes ta' Savina u ta' San Ġakbu.

**» 25 ta' Mejju**
**7.15pm:** Il-Kor tal-Parroċċa *Laudate Pueri* ta kunċert ta' mużika sagra fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat ta' Malta.

**» 27 ta' Mejju**
**Filgħodu:** Saret ħarġa għall-anzjani tal-Parroċċa madwar Għawdex.

**» 28 ta' Mejju**
**Waranofsinhar:** F'dar tal-kampanja fl-Għarb, ġie organizzat festin komuni għall-adolexxenti tal-Parroċċa li rċivew il-Griżma tal-Isqof.



**» 3 ta' Ġunju**
**1.15pm:** Tħabbret il-mewt ta' Mons. Ġwann Mercieca, Kanonku u Penitenzier tal-Kapitlu Ġorġjan, fl-età ta' erbgħa u tmenin sena.

**» 5 ta' Ġunju**
**4.30pm:** Fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu fi Triq Palma, il-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika Ġorġjana ċċelebraw l-Għasar tal-Mejtin fil-preżenza tal-ġisem mejjet ta' Mons. Ġwann Mercieca. Wara, telaq korteo funebri lejn il-Bażilika.
**5.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni *præsente cadavere* tal-Funeral ta' Mons. Ġwann Mercieca.

**» 6 ta' Ġunju**
**8.00pm:** Sar Kunċert Korali u Orkestrali fil-ftuħ tal-Għoxrin Edizzjoni tal-Victoria International Arts Festival, bis-sehem tal-Orkesta Nazzjonali, il-Kor *Laudate Pueri* u l-*University of Delaware Chorale*. Tul din l-edizzjoni, ittella' fost l-oħrajn il-kunċert *Cantate Domino* mill-*Cappella Musicale Pontificia "Sistina"* taħt id-direzzjoni ta' Massimo Palombella SDB, fis-7 ta' Ġunju.

**» 9 ta' Ġunju**
**Filgħodu:** It-tfal kollha tal-Iskola Primarja tal-Belt Victoria fil-Kulleġġ ta' Għawdex ħadu sehem f'purċissjoni mis-Santwarju Parrokkjali tal-Fontana għall-Iskola fi Triq Vajringa, fejn l-Arċipriet ta l-Barka Ewkaristika.
Fl-ewwel ħmistax ta' Ġunju saru wkoll bosta xogħlijiet fuq il-bejt taċ-Ċentru u s-Sala Parrokkjali, inkluż il-*membrane*, bħala protezzjoni mill-ilma tax-xita u biex ikun sod biżżejjed għat-tqegħid tal-pannelli 'l quddiem.

**» 16 ta' Ġunju**
**Waranofsinhar:** F'Villa Rundle, il-Belt Victoria, inżamm il-festin komuni għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.
**» 18 ta' Ġunju**
**9.00am:** Saret Konċelebrazzjoni konventwali fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej, u wara purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes madwar it-toroq qrib tal-Bażilika.
**» 23 ta' Ġunju**
**Waranofsinhar:** Saret dawra ma' Għawdex bit-trejn għall-membri tal-Parroċċa.
**» 27 ta' Ġunju**
**7.00pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana, immexxi mill-Arċipriet, ippresieda l-quddiesa tat-tielet jum tat-Tridu tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur, fl-okkażjoni tat-tifkira tal-ħamsin sena mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika lil dik il-parroċċa.
**» 1 ta' Lulju**
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-jiem tan-Novena għall-familji u t-tfal tal-Parroċċa, bit-tema *San Ġorġ: Il-Verità fil-Leġġenda*. Għal kull jum tan-Novena kienu mistiedna kategoriji differenti tal-Parroċċa u saret Kampanja ta' Ġenerożità b'risq il-Proġett Parrokkjali tal-Pannelli Fotovoltajċi. Fit-tielet jum saret ukoll dawra bit-trejn għat-tfal kollha li attendew, u fis-seba' jum ġew iċċelebrati l-ħamsa u għoxrin, il-ħamsin u s-sittin anniversarji taż-żwieġ.
**» 6 ta' Lulju**
**10.30am:** Dun Geoffrey George Attard mexxa quddiesa għall-anzjani u l-morda, li fiha ġie amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, sar *get-together* organizzat mil-*Ladies Society* fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**6.00pm:** Il-Kan. Michael J. Galea mexxa quddiesa għal persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu u wara saret ikla għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 9 ta' Lulju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-aħħar jum tan-Novena li fiha saret ukoll il-Vestizzjoni tal-abbati l-ġdid Gianluca Abela. Fl-aħħar tal-quddiesa saret ċelebrazzjoni li ntemmet bid-dħul tal-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ fil-Bażilika. Wara, sar festin kbir fi Pjazza San Ġorġ.
**» 10 ta' Lulju**
**8.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert Grandjuż u Finali tal-Għoxrin Edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta u l-vjolinista Andrea Gajic, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella.
**» 12 ta' Lulju**
**6.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.
**8.00pm:** Inħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa, li ddawret mal-Bażilika fejn wara ġiet imqiegħda taħt it-tieni arkata fin-nava tan-nofs tal-korsija.
**9.00pm:** Patri Joseph Formosa OFMCONV mexxa ċ-Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana bit-tema *Bis-sens bħal Ġorġi*, organizzata għaż-żgħażagħ mill-Grupp *23four>>*.
**» 12-14 ta' Lulju**
**6.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Ġużeppi A. Borg, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u Mons. Alfred Xuereb, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru minn Patri Joe Buttigieg OFMCAP, Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini tal-Belt Victoria. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Emanuel Buttigieg, il-Kan. Dr Joseph Zammit u l-Kan. George DeBrincat, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor u l-orkestra kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum* tal-Bażilika.
**» 13-14 ta' Lulju**
**9.00am:** Il-Konċelebrazzjonijiet Solenni tal-ewwel u t-tieni jum tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tmexxew minn Mons. Ġużeppi Gauci u Mons. Pawlu Cardona, rispettivament.
**» 15 ta' Lulju**
**10.00am:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-*Te Deum*.
**6.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni tal-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ.
**7.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.
**» 16 ta' Lulju**
**8.15am:** L-Isqof ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.
**8.30am:** L-Isqof, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Festa. Niseġ l-omelija Dun Joseph Mercieca.
**6.00pm:** L-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, Arċisqof emeritu ta' Malta, mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**7.30pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara bdiet ħierġa l-Purċissjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona OP, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella*, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika.
**10.45pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant tal-Antifona u l-Barka Ewkaristika.
**» 25 ta' Lulju**
**9.00am:** Mal-Arċipriet fil-quddiesa kkonċelebra Abba Girma Mekuria, mill-Parroċċa ta' Madiwuta fl-Etjopja, fejn il-parruċċani Ġorġjani ħallsu għall-bini ta' knisja ġdida f'ġieħ San Ġorġ.
**» 26 ta' Lulju**
**10.30am:** Patri Philip Mulryne OP, eks-plejer internazzjonali tal-futbol, mexxa quddiesa bir-Rit Tridentin fuq l-Altar ta' Ġesù u Marija waqt żjara li għamel fil-Bażilika.
**7.30pm:** Saru quddiesa fil-Bażilika u barbikju ta' ringrazzjament fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-voluntiera kollha li jaħdmu fil-Bażilika u fl-Uffiċċju Parrokkjali.
**» 28 ta' Lulju**
**7.30pm:** Sar kunċert minn *The Choirs of all Saints' Church Northampton United Kingdom* fil-Bażilika.
F'dawn il-ġranet, bl-għajnuna ta' bosta voluntiera, sar xogħol ta' tindif fl-Uffiċċju Parrokkjali, fir-Raff, u anki fis-Sala Parrokkjali, li ġiet ukoll miżbugħa minn Ċensu Fenech.
**» 29 ta' Lulju – 4 ta' Awwissu**
L-Arċipriet mexxa l-Pellegrinaġġ Parrokkjali f'Lourdes.
**» 13 ta' Awwissu**
**8.00pm:** Inżammet *Wine and Pizza* fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali bħala ġbir ta' fondi għall-Proġett tal-Pannelli Fotovoltajċi.
**» 16 ta' Awwissu**
**8.00pm:** Saru għawma u barbikju f'Marsalforn għall-istudenti li telgħin Form 2.
**» 18-20 ta' Awwissu**
Sar *live-in* f'Malta għall-Gruppi tal-Forms 3, 4 u 5.
**» 27-29 ta' Awwissu**
Sar *live-in* għall-abbatini tal-Parroċċa fid-Dar *Rivotorto* fil-kumpless taċ-ĊAK tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali f'Birkirkara.
**» 31 ta' Awwissu**
Saret *Boat-trip* madwar Għawdex għall-Grupp parrokkjali tal-18+.




ritratt: Sam Cefai

## IL-KOR TAL-PAPA MILL-ĠDID FOSTNA

Il-Kappella Pontifiċja 'Sistina', il-Kor personali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, immexxija mid-Direttur Mużikali tagħha Mons. Massimo Palombella SDB, tat Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Bażilika tagħna, nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2017 filgħaxija. Il-Kor ġie mistieden Malta mill-Fondazzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* għall-għoxrin edizzjoni tiegħu. Dan seħħ proprju sittin sena wara l-ewwel żjara f'Malta tal-"eqdem kor fid-dinja", meta l-*Pueri Cantores* fi Frar 1957 kantaw fil-Bażilika ta' San Ġorġ taħt id-direzzjoni ta' Padre Vittorio Catena fl-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Ġwann Mercieca. Fi tmiem il-kunċert, Mons. Palombella għamel stedina bla preċedent fl-istorja: stieden lill-Kan. George J. Frendo, Direttur Mużikali tal-Kor *Laudate Pueri*, jiddirieġi ż-żewġ korijiet flimkien fl-eżekuzzjoni tal-famuża *Tu es Petrus* ta' Palestrina.

## *Nawgurawlhom u nitolbu għalihom*

**Samuel Aquilina u Ġorġ Pisani li f'Ottubru se jibdew il-mixja tagħhom ta' dixxerniment fis-Sena Propedewtika fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Filwaqt li niftakru f'dawn iż-żgħażagħ fit-talb tagħna, nitolbu għal aktar vokazzjonijiet f'pajjiżna u mill-parroċċa tagħna.**





## TLIFNA WKOLL LIL DUN GEORGE GRIMA

Meta din il-ħarġa kienet waslet għall-istampa, waslitilna l-aħbar tal-mewt tal-għażiż Mons. George Grima (1950-2017), saċerdot mill-Parroċċa tagħna u membru tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana, fundatur tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*, li l-ħidma bla heda tiegħu fil-qasam missjunarju hi magħrufa minn bosta. Hu mar fi ħdan il-Missier nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017, bil-Funeral jinżamm fil-Bażilika Ġorġjana l-Ħamis ta' wara. Fil-ħarġa li jmiss, se niddedikaw artiklu speċjali lil Dun George.

*Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem!*